NEWSPAPER POST

1992
NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 117

Jannar - Marzu 2025



Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
jawgura lill-Anzjani kollha Sena Ġdida mimlija
Risq, Hena, Saħħa, Paċi u Prosperità

F'din l-edizzjoni...



4

**Emanuel Deguara**
*Miżuri tal-Baġit 2025 li, direttament jew indirettament, jolqtu lill-anzjani u l-pensjonanti*

# Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani Laqgħa mal-E.T. Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta



Nhar it-Tlieta, 15 t'Ottubru 2024, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kellu laqgħa ta' korteżija mal-E.T. Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta.

Waqt din il-laqgħa, rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni ddiskutew ir-rwol importanti li għandhom l-anzjani fis-soċjetà Maltija u l-isfidi li jaffaċċjaw fil-komunità. Il-Membri nnutaw kif, tul dawn l-aħħar snin, l-attitudni tal-pubbliku f'Malta lejn l-anzjani, u dak li jistgħu joffru, evolviet b'mod sinifikanti u pożittiv. Dan kien ikkumplimentat b'servizzi diversi offruti lill-anzjani biex iżommu rwieħhom attivi fis-soċjetà. Riżultat ta' dan, illum l-anzjani jgawdu u jikkontribwixxu għal livell ta' għajxien aqwa minn qatt qabel.

Ġew diskussi wkoll diversi temi importanti, fosthom, il-pensjonijiet, li l-Kunsill qed jaħdem attivament dwarhom biex ikunu indirizzati b'mod ħolistiku.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-isfidi soċjali li jħabbtu wiċċhom magħhom l-anzjani u saħqu fuq l-importanza li jkomplu jitkissru l-perċezzjonijiet ta' min jikkunsidra l-anzjani bħala piż fil-ħajja soċjali. Kuntrarju għal dan, il-Kunsill enfasizza li l-anzjani għandhom irwol importanti fis-soċjetà u jrendu servizz imprezzabbli mhux l-inqas fis-sostenn li jagħtu lil uliedhom u lil ulied uliedhom.

Matul il-laqgħa, issemmew ukoll il-limitazzjonijiet fis-sistemi finanzjarji u kif id-diġitalizzazzjoni ta' diversi servizzi importanti qed tagħmilha ħafna aktar diffiċli għall-anzjani biex jaċċessaw dawn is-servizzi, speċjalment, is-servizzi bankarji.



Minn naħa l-oħra, l-Eċċellenza Tagħha, Myriam Spiteri Debono, irringrazzjat lill-Kunsill għall-ħidma kontinwa tiegħu b'risq l-anzjani u favur it-temi li jirrigwardjawhom. Hija saħqet dwar l-importanza ta' organizzazzjoni ta' attivitajiet b'mod iktar regolari ħalli l-anzjani jibqgħu attivi u involuti, speċjalment, fl-isferi li jolqtuhom.

Fl-aħħar tal-laqgħa, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, is-Sur Peter Paul Bonniċi, ippreżenta lill-Eċċellenza Tagħha donazzjoni b'risq il-Malta Community Chest Fund

# Awguri lil Dr. Anthony De Giovanni



***Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA) jifraħ lil Dr. Anthony De Giovanni LL.D., għat-tieni mandat tiegħu bħala Viċi-President tal-AGE Platform Europe b'90% tal-voti u xejn kontra, li rċieva waqt laqgħa tal-Kunsill Amminstrattiv ta' din l-Organizzazzjoni li tiġbor fiha l-għaqdiet tal-anzjani u l-anzjani kollha tal-Europa. Dr. De Giovanni huwa s-Segretarju Internazzjonali tal-KNA.***

AGE Platform Europe twaqqfet f'Jannar tal-2001, frott ta' diskussjonijiet dwar kif għandhom jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-anzjani u kif tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Organizzazzjonijiet tal-Anzjani fuq livell Ewropew. L-Organizzazzjonijiet tal-Anzjani mseħbin f'din il-pjattaforma għandhom il-maġġoranza tal-voti fil-livelli kollha tad-deċiżjonijiet li jittieħdu f'din l-għaqda. Is-sħubija hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet Ewropej imwaqqfin mhux bl-iskop li jagħmlu qligħ. Il-ħidma ta' din il-pjattaforma hija sostnuta finazjarjament permezz ta' għotjiet mill-Unjoni Ewropea, mill-miżati tal-Membri u minn donazzjonijiet. Il-viżjoni tal-Pjattaforma Ewropea AGE tinkorpora fiha l-ħsieb ewlieni ta' soċjetà inkussiva msejsa fuq il-benesseri ta' kulħadd, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, id-dritt sħiħ għat-tgawdija tal-ħajja u tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-kontribut lejha. Il-KNA ilu għoxrin sena membru tal-AGE Platform Europe, tista' tgħid, sa mill-ħolqien tagħha, u dejjem ipparteċipa bis-sħiħ fil-ħidma u r-riċerka importanti li din l-Organizzazzjoni rnexxiela twettaq matul iż-żmien li ilha mwaqqfa. L-Għaqda tal-Pensjonanti u Nanniet Malta wkoll huma membri attivi ħafna fl-AGE Platform u l-kandidatura għall-Viċi Presidenza ta' Dr. De Giovanni sabet l-appoġġ sħiħ tagħhom. Malta għandha sehem ewlieni fl-istorja tal-għarfien internazzjonali dwar l-Anzjanità. Kienet Malta li, fl-1968, l-ewwel li qajmet il-materja tal-Anzjanità bħala tema li jixirqilha attenzjoni internazzjonali. Bħala riżultat tal-ħidma Maltija, fl-1982, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti sejħet Assemblea Dinjija dwar l-Anzjanità u, permezz tar-Riżoluzzjoni 37/51, fost l-oħrajn, xprunat 'il quddiem il-ħtieġa tar-riċerka u t-tagħlim kif ukoll il-bdil ta' informazzjoni bħala s-sisien internazzjonali għall-politika soċjali. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna dwar l-Anzjanità għadu sal-lum iservi ta' bażi ewlenija tal-politika internazzjonali dwar l-anzjanità. Bħala rikonoxximent tal-inizzjattivi xprunati minn Malta, fl-1987, twaqqaf f'Malta l-Istitut Internazzjonali tal-Ġerentoloġija. Huwa dover tagħna lkoll li nkomplu mmexxu 'l quddiem il-ħidma lokali u internazzjonali ta' Malta favur l-anzjani.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Anthony De Giovanni

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Mary Farrugia

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Darba, wieħed ħa lil missieru, li kien anzjan, jiekol ġewwa restorant lussuż, biex jagħtih *treat*. Għenu jpoġġi bilqiegħda, tah il-*menù*, bil-paċenzja kollha, qagħad ifissirlu dak li ma fehemx u ħallieh jordna li jixtieq u li jogħġbu. Imbagħad, għenu jiekol u, billi dan l-anzjan kien xiħ mhux ħażin, ma jistax jonqos li kien xi ftit, ejja ngħidu, għajjien; idejh xejn sodi, jitriegħed u x'naf jien, insomma. Naturalment, waqt li kien qed jiekol, ċappas naqra wiċċu u waqqa' xi ftit fuq il-qmis u fuq il-qalziet ukoll. In-nies l-oħrajn li kienu qed jieklu f'dak ir-restorant bdew iħarsu lejn ix-xwejjaħ u jqarrsu wiċċhom imma, għalkemm ibnu nduna bihom, huwa baqa' kalm, jieħu ħsieb missieru.

Meta t-tnejn spiċċaw mill-ikla, bil-kalma kollha, l-iben għen lil missieru jqum u ħadu fir-*restroom*. Naddaf il-wiċċ imkemmex ta' missieru mill-biċċiet tal-ikel, speċjalment madwar ħalqu, ipprova jneħħilu t-tbajja minn fuq il-qmis, ippettnalu x-xuxa bajdanija tiegħu u reġa' poġġielu n-nuċċali f'għajnejh.

Kif ħarġu mir-*restroom*, fir-restorant waqgħet sikta kbira. It-tifel ħallas il-kont u, kif kienu ħerġin, raġel ieħor, anzjan ukoll, qam bilwieqfa u, b'leħen għoli biex ikun żgur li jisimgħu kulħadd, qal lill-ġuvnott: "Ma taħsibx li ħallejt xi ħaġa hawnhekk warajk?"

Il-ġuvni ħares ftit madwaru u qallu: "Le ta; ma jidhirli li ħallejt xejn warajja; kollox ħadna."

"Imma ħallejt ta," insista dak l-anzjan skonoxxut. "Warajk ħallejt tagħlima għalina lkoll, lezzjoni għall-ulied kollha u tama għal kull omm u għal kull missier." Fir-restorant, kulħadd issomma. Bħalma ngħidu bil-Malti, kieku dak il-ħin waqgħet labra tar-ras fl-art, kont tkun tista' tismagħha.

Kieku l-bniedem joqgħod jaħseb sewwa, jirrealizza li, wieħed mill-ikbar unuri li jista' jkollu fil-ħajja huwa l-privileġġ li jkollu ċ-ċans jieħu ħsieb dawk li tant ħadu ħsiebu minn qabel twieled, sa ma kiber, ħa l-edukazzzjoni tiegħu, għamel l-għażliet li ried jagħmel f'ħajtu u, saħansitra, anki wara wkoll. Kemm il-ġenituri tagħna kif ukoll dawk kollha li, għalina, issagrifikaw ħajjithom, ħinhom, ġidhom u l-isforzi kollha tagħhom jixirqilhom l-ikbar rispett u l-ikbar gratitudni. U dan, mhux biss fil-Milied jew f'jum l-omm u f'jum il-missier imma dejjem u kullimkien, is-sena kollha.

Wara li dmiri bħala editur għamiltu, issa nħossni intitolat nispiċċa b'ċajta u, naturalment, nimbex xi ftit lil min jixraqlu wkoll. Mela kien hemm wieħed li ftaħar ma' sieħbu li vvinta kompjuter li jaf kollox. Sieħbu ħadu bid-dgħajsa u, allura, dak stiednu jistaqsi lill-kompjuter liema mistoqsija jrid biex jara li dak li qallu huwa minnu. L-ieħor poġġa subgħajh fuq il-*keyboard* u staqsa: "Fejn hu missieri bħalissa?"

Il-kompjuter dlonk ħareġ bit-tweġiba li kienet tgħid: "Missierek qiegħed *Baystreet, cinema 6*, ringiela R, pultruna numru 12, jara l-*film, Napoleon*."

"Mur armieh dal-kompjuter ta, għax ma jaf xejn!" qal lil sieħbu. "Missieri ilu mejjet għaxar snin!"

"Ma jistax ikun!" ħatfu l-inventur. "Ili nippruvah u niċċekkjah u qatt ma sibtlu xi żball! Ejja nistaqsuh għaliex qed jgħid hekk meta, fil-fatt, missierek huwa mejjet!"

U, meta għamlu hekk, il-kompjuter kien pront qallu: "Ir-raġel t'ommok veru mejjet imma missierek qiegħed *Baystreet, cinema 6*, ringiela R, pultruna numru 12, jara l-*film, Napoleon*."

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.



# Miżuri tal-Baġit 2025 li, direttament jew indirettament, jolqtu lill-anzjani u l-pensjonanti

*Kitba ta' Emanuel Deguara*

Saret tradizzjoni li jkun hawn stennija u ħerqa kull meta jasal biex jinqara l-baġit. Għalkemm l-anzjani u l-pensjonanti jinteressaw ruħhom f'dak kollu li jkun għaddej, l-iskop tagħna hu li nġibu l-punti saljenti li jolqtu direttament jew indirettament lill-anzjani u l-pensjonanti.

Naturalment, waħda mill-aktar affarijiet li jkunu mistennijin hija kemm ser tkun iż-zieda għall-għoli tal-ħajja (il-cola). Skont l-indiċi tal-prezzijiet, il-kumpens għall-għoli tal-ħajja għas-sena 2025 ser tkun ta' €5.24c fil-ġimgħa. B'riżultat tal-ftehim milħuq is-sena l-oħra bejn il-Gvern u l-imsieħbin soċjali, is-sena d-dieħla, il-Paga Minima Nazzjonali ser tiżdied bi €8.24c fil-ġimgħa, ser titla' għal €221.78c fil-ġimgħa u, f'pajjiżna, ser tibqa' ma tkunx intaxxata.

Miżura importanti hija li, wara ħafna snin, qed jiġu riveduti t-*tax bands* u dan jirriżulta fi tnaqqis fil-piż tat-taxxa fuq id-dħul. Qed nirriproduċi tabella meħuda mill-Baġit flimkien ma' spjega dettaljata ta' kif ser jinħadmu l-komputazzjonijiet diversi.

**Tabella 2.1: Tnaqqis fit-taxxa fuq id-dħul**

| Komputazzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Singola | | Miżżewġin | | Ġenitur | |
| Kategorija tal-introjtu | Rata | Kategorija tal-introjtu | Rata | Kategorija tal-introjtu | Rata |
| 0-12,000 | 0.0% | 0-15,000 | 0.0% | 0-13,000 | 0.0% |
| 12,001-16,000 | 15.0% | 15,001-23,000 | 15.0% | 13,001-17,500 | 15.0% |
| 16,001-60,000 | 25.0% | 23,001-60,000 | 25.0% | 17,501-60,000 | 25.0% |
| 60,001+ | 35.0% | 60,001+ | 35.0% | 60,001+ | 35.0% |

**Il-Komputazzjoni Singola** tiġbor fiha ftit anqas minn 70% tat-*taxpayers*. Mis-sena d-dieħla, it-*threshold*, li taħtu ma titħallasx taxxa, ser jiżdied minn €9,100 għal €12,000. Jiġifieri, l-ewwel €12,000 mhux ser ikunu taxxabbli. Ir-rata ta' 15% ser tkun applikabbli għal bejn it-€12,001 u s-€16,000. Bejn is-€16,001 u s-€60,000, tkun ta' 25%. Dħul 'il fuq minn €60,000 jibqa' jkun intaxxat bil-35%. Fi ftit kliem, kull min iħallas taħt din il-komputazzjoni, ser jara tnaqqis fit-taxxa fil-valur ta' bejn €435 u €675 fis-sena. Il-massimu fit-tnaqqis jibbenefikaw minnu dawk kollha li għandhom dħul ta' aktar minn €19,500 fis-sena.

**Il-Komputazzjoni Miżżewġin** tiġbor fiha madwar 14% tat-*taxpayers*. Mis-sena d-dieħla, it-*threshold*, li taħtu ma titħallasx taxxa, ser jiżdied minn €12,700 għal €15,000. Għaldaqstant, l-ewwel €15,000 mhux ser ikunu taxxabbli. Ir-rata ta' 15% ser tkun applikabbli għal bejn il-€15,001 u t-€23,000. Bejn it-€23,001 u s-€60,000 tkun ta' 25%. Dħul 'il fuq minn €60,000 jibqa' jkun intaxxat bir-rata ta' 35%. Kull min iħallas taħt din il-komputazzjoni ser jara tnaqqis fit-taxxa fil-valur ta' bejn €345 u €645 fis-sena. Il-massimu fit-tnaqqis jibbenefikaw minnu dawk kollha li għandhom dħul ta' aktar minn €28,700 fis-sena.

**Il-Komputazzjoni Ġenitur** tiġbor fiha madwar 17% tat-*taxpayers*. Mis-sena d-dieħla, it-*threshold*, li taħtu ma titħallasx taxxa, ser jiżdied minn €10,500 għal €13,000. Dan ifisser li, l-ewwel €13,000 mhux ser ikunu taxxabbli. Ir-rata ta' 15% ser tkun applikabbli għal bejn it-€13,001 u s-€17,500. Bejn is-€17,501 u s-€60,000 tkun ta' 25%. Dħul 'il fuq minn €60,000 jibqa' jkun intaxxat bil-35%. Kull min iħallas taħt din il-komputazzjoni ser jara tnaqqis fit-taxxa fil-valur ta' bejn €375 u €650 fis-sena. Il-massimu fit-tnaqqis jibbenefikaw minnu dawk kollha li għandhom dħul ta' aktar minn €21,200 fis-sena. Apparti dan it-tnaqqis fit-taxxa, tibqa' fis-seħħ l-għotja li tvarja bejn €60 u €140 fis-sena lil kull min jaħdem u ma jaqlax iżjed minn €60,000

**Miżura li tolqot direttament lill-pensjonanti li jaħdmu** u li bdiet mill-Baġit għas-sena 2022 hija dik li, għall-pensjonanti li jaħdmu, f'medda ta' ħames snin, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa. Is-sena d-dieħla, l-ammont li ser jiġi injorat għall-fini ta' taxxa ser jerġa' jiżdied b'20% oħra għal 80%.

**L-*Occupational Pensions*** hija miżura li tippromwovi kultura ta' tfaddil bl-iskop li jkun assigurat dħul pensjonabbli aktar adegwat għall-pensjonanti ta' għada. Diġa hemm inċentivi fiskali li jinkoraġġixxu lill-poplu jagħmel *private pension plan*. Diġà hemm ukoll inċentivi għal min iħaddem biex anki hu jikkontribwixxi f'dawn l-iskemi. Issa, qed tkun iktar inkoraġġita l-introduzzjoni tal-*Occupational Pension Plans* f'pajjiżna. Dan ħalli, fl-interess tal-ħaddiema, ikollna dejjem aktar pensjonijiet sostenibbli u adegwati. Il-ħsieb huwa li, kull impjegat li jidħol fid-dinja tax-xogħol, jew li jibdel l-impjieg tiegħu, ikollu l-opportunità li jinvesti f'*occupational pension plan*. Filwaqt li, min iħaddem, mhux ser ikollu l-obbligu li jikkontribwixxi, irid joffri l-opportunità lill-impjegati tiegħu li jissieħbu fi pjan. Imbagħad, ikun sta għall-impjegat li jagħżel jekk iridx jagħmel dan. Minn naħa tiegħu, il-Gvern qed jimpenja ruħu li, fil-każ tal-impjegati tiegħu, ser jikkontribwixxi hu direttament bħala *employer* billi jħallas daqskemm jikkontribwixxi l-individwu sa massimu ta' €100 fix-xahar. Dan il-pjan ser ikun qed igawdi mill-istess inċentivi fiskali li hemm illum, kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-impjegat. Anki min diġà qiegħed fi pjan privat, jista' jidħol f'*occupational plan* ukoll u jgawdi mill-istess skeda ta' benefiċċji fiskali. Il-pass li jmiss huwa li jiġu konklużi d-dettalji wara diskussjonijiet mas-setturi konċernati u mal-imsieħbin soċjali biex, sa nofs is-sena d-dieħla, dawn l-iskemi jidħlu fis-seħħ f'pajjiżna wkoll.

Is-sena d-dieħla, **il-Pensjonanti** ser jirċievu żieda oħra ta' €8 fil-ġimgħa, jiġifieri, €416 fis-sena, li tinkludi ż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Minn din iż-żieda, ser jibbenefikaw aktar minn 100,000 pensjonant tal-irtirar, tal-invalidità u romol kif ukoll oħrajn intitolati għal pensjoni tal-età. Titjib ieħor għall-**pensjonanti li twieldu qabel l-1962**, is-sena d-dieħla ser ikompli jonqos id-distakk fid-Dħul Pensjonabbli Massimu bejn persuni li twieldu qabel l-1962 u oħrajn li twieldu wara, li nħoloq b'riżultat tar-riforma li kienet saret fl-2006. Dan ser isir billi, dawk li twieldu qabel l-1962 u li, kieku għadhom jaħdmu, is-salarju tagħhom jaqbeż id-Dħul Pensjonabbli Massimu ta' €23,500, ser ikollhom aġġustament ieħor fil-pensjoni tagħhom. Din tfisser li, min għandu l-pensjoni massima, apparti t-€8 fil-ġimgħa għall-għoli tal-ħajja, jista' jkollu żieda sa massimu ta' €11.23c fil-ġimgħa. Minn din il-miżura mistennija jibbenefikaw madwar 26,000 pensjonant.

Hemm ukoll miżuri li jirrigwardjaw l-**eżenzjonijiet mit-taxxa għall-pensjonanti** b'titjib fl-eżenzjonijiet mit-taxxa li japplikaw mill-età ta' wieħed u sittin sena 'l quddiem għall-pensjonanti. Dan b'mod li jkunu inklużi fl-ammonti eżentati ż-żidiet li tħabbru. Ir-romol ser jibqgħu ma jħallsux taxxa bis-saħħa ta' miżura li daħlet din is-sena.

**Il-pensjonanti romol** ser igawdu minn żieda addizzjonali fil-pensjoni tagħhom permezz tal-proċess li issa ser jidħol fir-raba' sena tiegħu. Dan il-proċess ser iwassal biex, sal-2027, il-pensjonanti romol kollha jkunu qed jirċievu l-pensjoni sħiħa li kienu jirċievu l-konjuġi tagħhom kieku baqgħu ħajjin. Dan l-aġġustament huwa stmat li jolqot madwar 7,500 armel u armla. L-istess, apparti ż-żieda ta' €8 fil-ġimgħa għall-għoli tal-ħajja, iż-żieda addizzjonali ser tlaħħaq medja ta' madwar €3 oħra fil-ġimgħa.

Insibu wkoll pass importanti fl-**aġġustament tal-bonus tal-għoli tal-ħajja**. Biex nispjega, dan huwa dak il-bonus li kien inħoloq mindu bdiet tingħata ż-żieda tal-għoli tal-ħajja sħiħa lill-pensjonanti mis-sena 2008. Imma minħabba l-metodu kif bdiet tingħata din iż-żieda tal-COLA sħiħa, (żewg terzi tingħata mar-rata tal-pensjoni u terz ieħor jingħata bħala bonus, hekk imsejjaħ, tal-għoli tal-ħajja) beda jirriżulta li, mis-sena 2009, il-pensjonanti bdew jieħdu ammont ħafna inqas u, wara rappreżentazzjonijiet mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u minn għaqdiet tal-pensjoanti, ġie aċċettat li kienet inħolqot anomalija. Fl-2022, inbeda proċess biex titneħħa din l-anomalija. B'hekk, finalment, kull sena, il-pensjonanti kollha jibdew jirċievu l-istess rata ta' dan il-bonus. Minħabba li, minn din is-sena, daħal il-kunċett li l-pensjonijiet jiżdiedu kull sena l-istess għal kulħadd, skont il-mekkaniżmu li 70% minnu huwa bbażat fuq kemm jiżdiedu l-pagi u 30% fuq iż-żieda fl-inflazzjoni, liema żieda li tirriżulta issa

tkun kollha kemm hi fil-pensjoni, ser tingħata spinta biex, sal-2027, tintlaħaq il-mira li l-bonus ikun fl-istess livell għal kull pensjonant. L-aġġustament tar-rati tal-bonus ser jibqa' għaddej tul is-sentejn li ġejjin sakemm, fl-2027, jintemm il-proċess u kull pensjonant ikun intitolat għall-ogħla rata ta' €21.53c fil-ġimgħa li, imbagħad, tibqa' titħallas flimkien mal-pensjoni u kull żidiet oħra li jingħataw lill-pensjonanti fil-ġejjieni.

Għal darb' oħra, **il-Pensjonanti tas-servizz** ser jaraw titjib fis-sens li l-ammont tal-pensjoni tas-servizz tagħhom li ma jiġix ikkunsidrat għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali ser jiżdied b'€200 oħra u jilħaq is-somma ta' €3,666. L-aġġustament japplika skont ir-regoli ġenerali tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali għal kull min għandu pensjoni tas-servizz. Madwar 3,250 pensjonanti tas-servizz ser jibbenefikaw minn dan iċ-ċaqliq grazzi wkoll għal miżura li, mal-età ta' tnejn u sebgħin sena, l-ammont kollu tal-parti tal-pensjoni tas-servizz ikkommutata ma jibqax jiġi kkunsidrat.

Hemm ukoll **titjib fil-bonus għal dawk li ma jikkwalifikawx għal pensjoni** billi, persuni li ma kellhomx bolol biżżejjed biex jikkwalifikaw għal pensjoni, jirċievu bonus skont kemm kienu laħqu ħallsu bolol. Dan il-bonus beda jingħata fl-2015 u żdied bosta drabi sakemm, din is-sena, laħaq il-€500 għal min ħallas sa erba' snin bolol u €600 għal min ħallas minn ħames sa disa' snin bolol. Għas-sena l-ġdida, ser titwettaq bidla importanti bil-għan li jiġu aktar sostnuti dawn il-persuni u, fl-istess waqt, tkun aktar ġusta ma' min ħallas numru akbar ta' kontribuzzjonijiet. Issa, ir-rati tal-bonus ser jinħadmu skont l-għadd attwali ta' bolol li tħallsu. Dawn ser ivarjaw minn €550 għal min ħallas sa sena bolol u għal €1,000 għal min ħallas sa disa' snin bolol. Minn din il-miżura, ser jibbenefikaw 'il fuq minn 16,000 persuna, l-aktar nisa miżżewġin.

Ser tiddaħħal ukoll **miżura favur is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet** ħalli l-ammont ta' snin ta' kontribuzzjonijiet li persuna jkollha bżonn biex tieħu l-pensjoni sħiħa jiżdied b'sena. Din ser tolqot persuni li twieldu fl-1976 jew wara li, għalihom, il-perjodu stipulat ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, imħallsa jew akkreditati, ser ikun ta' tnejn u erbgħin sena minflok wieħed u erbgħin, kif inhi bħalissa. Din il-miżura qed titwettaq fuq parir tal-Grupp Strateġiku tal-Pensjonijiet. L-età tal-irtirar u r-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mhux ser jiżdiedu.

Għat-tieni sena konsekuttiva, ser ikun hemm **żieda fl-Allowance tat-Tfal** ta' €250 oħra għal kull wild, irrispettivament mid-dħul tal-familja. Barra minn hekk, ser ikun hemm tibdil fil-metodu tal-kalkolu biex familji jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal rati mtejba tal-allowance tat-tfal. Dan ser isir billi, fil-komputazzjoni tar-rata tal-allowance, barra li jinjoraw l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jkunu tħallsu mid-dħul tal-ġenituri, ser jibdew jinjoraw ukoll l-ammont ta' taxxa fuq id-dħul li jkun tħallas. Dan it-titjib huwa stmat li ser jolqot madwar 42,000 familja bi 63,000 tifel u tifla.

Il-Baġit jaħseb ukoll għal **ħlas addizzjonali bħala għajnuna kontra l-għoli tal-ħajja għall-familji bi dħul baxx jew medju.** Kull familja titħallas bejn €100 u €1,500 fis-sena. Mill-ġdid, ser jerġa jitħaddem dan il-mekkaniżmu biex isostni l-familji quddiem l-isfida tal-inflazzjoni. Il-pagament jinqasam f'darbtejn, bl-ewwel wieħed isir f'Diċembru u t-tieni wieħed isir f'Ġunju. B'kollox, madwar €48 miljun ser jitqassmu fost 100,000 familja bi kważi 200,000 dipendenti.

**Rati ogħla tal-Allowance Supplimentari**. L-għadd ta' benefiċjarji tal-Allowance Supplimentari naqas sew f'dan l-aħħar snin. Dan ġara minħabba li d-dħul tal-familji żdied sostanzjalment u, għalhekk, naqset id-dipendenza soċjali u anqas familji qed ikollhom bżonn din l-għajnuna. Fil-maġġoranza tagħhom, il-benefiċjarji huma persuni li jgħixu waħedhom, l-aktar romol, persuni separati jew divorzjati. Il-ħlas li jirċievu huwa ffissat skont mekkaniżmu li jara li d-dħul tal-familja ma jaqbiżx il-limiti tad-dħul stabbiliti għal koppji u persuni singoli. Wara t-titjib li sar fl-2017 u 2022, ser jiġu aġġustati mill-ġdid il-parametri tal-mekkaniżmu biex, filwaqt li jitjiebu r-rati tal-allowance, tingħata l-opportunità li aktar koppji jikkwalifikaw. Ir-rata massima li titħallas lill-koppji ser tiżdied b'€190 għal €1,289 fis-sena, filwaqt li r-rata għal persuni singoli ser tiżdied b'€69 għal €667. Barra minn hekk, il-limitu tad-dħul għal koppji ser jitwessa' sa €18,000 fis-sena. Bħalissa. l-għadd ta' benefiċjarji huwa ta' madwar 20,500. Bit-tibdil li ser jitwettaq, mistennijin jibbenefikaw madwar 1,500 familja oħra.

**Reviżjoni tal-ammont tal-assi kapitali għall-assistenzi non-kontributorji**. Id-dritt għall-Pensjoni tal-Età, l-Assistenzi Soċjali, inkluż tal-Qgħad, l-Assistenza Medika u l-Karta r-Roża jiddependi minn test tal-mezzi u test tal-assi kapitali. Ser jogħlew il-limiti tal-assi kapitali biex ikun ta' sostenn akbar għal min għandu bżonn dawn l-għajnuniet. Mis-sena d-dieħla, il-limitu preżenti ta' €23,300 għall-miżżewġin jew koppji ser jitla' għal €26,000 waqt li l-limitu ta' persuna waħedha ser jitla' minn €14,000 għal €16,000.

**Twessigħ tal-limiti tad-dħul għall-Assistenza għal Mard**. L-Assistenza għal Mard tingħata lill-persuni li ma jaħdmux skont test tal-mezzi u li jkunu ċertifikati li jbatu minn diversi tipi ta' mard skont kif elenkat fil-Liġi tas-Sigurtà Soċjali. Bil-għan li aktar familji bi dħul baxx jiġu megħjuna jikkwalifikaw għal din l-assistenza, ser tiġi emendata l-liġi biex jitwessgħu l-limiti tad-dħul, kemm għal koppji kif ukoll għal persuni li jgħixu waħedhom. Il-limiti ser jitwessgħu b'€416 fis-sena, minbarra ż-żidiet statutorji li jingħataw kull sena permezz tal-baġit. Din il-miżura tolqot madwar 800 benefiċjarju.

Mis-sena d-dieħla, **aktar persuni ser jingħataw id-dritt għal mediċini b'xejn.** F'dan il-kuntest, żidiet fil-pensjoni kontributorja ser jiġu injorati għall-fini tal-evalwazzjoni tat-test tal-mezzi tal-Għajnuna Medika Bla Ħlas li, biha, tali persuni jieħdu l-mediċini b'xejn. B'hekk, ser jibda jsir kif diġà jsir fl-evalwazzjoni tal-Għajnuna Medika li titħallas bħala benefiċċju. Dan se jwassal biex aktar anzjani jibqgħu jżommu d-dritt għall-Kartuna r-Roża u ma jitilfuħx jekk il-pensjoni tagħhom tiżdied b'xi reviżjoni. Barra minn hekk, b'effett mill-1 ta' Jannar 2025, kull persuna li tkun laħqet l-età ta' ħamsa u sebgħin sena u li tibbenefika mill-Għajnuna Supplimentari, ser tibda tkun eliġibbli awtomatikament għall mediċini b'xejn permezz tal-Kartuna r-Roża mingħajr il-ħtieġa li tissodisfa t-test tal-mezzi.

**Kumpens għal persuni b'diżabilità meta jirtiraw mix-xogħol**. Dawn jistgħu jirċievu assistenza għal diżabilità (inkluż dik severa) u, fl-istess ħin, jibqgħu fl-impjieg. L-istess dawk li jkunu korrew fuq ix-xogħol, dawn jistgħu jieħdu pensjoni għal diżabilità permanenti. Imma, meta jirtiraw mix-xogħol, jieħdu l-pensjoni kontributorja u jiqfilhom il-benefiċċju li jkunu qed jirċievu. Imma, meta dawn il-persuni jirtiraw u jieħdu l-pensjoni kontributorja, ser jingħataw żieda fil-pensjoni biex tagħmel tajjeb għat-telfien tal-assistenza għal diżabilità. L-aġġustament ikun tali li l-pensjoni tilħaq, mill-anqas, il-Paga Minima Nazzjonali imma ż-żieda ma tkunx anqas minn 10% tal-assistenza li kienu intitolati għaliha qabel irtiraw. Minn din il-miżura ser jibbenefikaw 330 persuna li, erbgħin minnhom ser jirtiraw matul l-2025.

**Żidiet fl-Assistenza għal Persuni b'Diżabilità u għal Carers.** Iż-żieda fil-Paga Minima Nazzjonali tfisser li, is-sena d-dieħla, jerġa' jkun hemm żidiet, kemm fl-Assistenza għal Persuni b'Diżabilità kif ukoll f'dik tal-Carers.

**L-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa** ser tiżdied b'€7.42c fil-ġimgħa għal €199.61c fil-ġimgħa. **L-Assistenza għal Diżabilità Severa** ser tiżdied bi €3.49c fil-ġimgħa għal €128.15c fil-ġimgħa waqt li **l-Assistenza għal Diżabilità** wkoll ser tiżdied bi €3.49c fil-ġimgħa għal €102.62c fil-ġimgħa.

**L-Assistenza Miżjuda għal Carers** ser tiżdied b'€5.24c fil-ġimgħa u ser titla' għal €179.02c fil-ġimgħa filwaqt li **l-Assistenza għal Carers** ser tiżdied b'€5.24c fil-ġimgħa wkoll u ser titla' għal €125.92c. F'dan ir-rigward, ser tidħol ukoll miżura ġdida f'każi fejn, **persuna tkun qed tieħu ħsieb żewġ membri tal-familja b'dipendenza għolja jew medja**. Sal-lum, dawn huma intitolati biss għal ħlas ta' rata waħda tal-Allowance Miżjuda għal Carers jew tal-Allowance għal Carers. Mis-sena d-dieħla, dawn il-persuni ser jibdew jieħdu darba u nofs ir-rata tal-benefiċċju li għaliha jkunu intitolati.

Bħala parti mir-riforma li qed tagħmel l-Aġenzija Sapport fis-servizz ta' matul il-jum, is-sena d-dieħla, ser jinfetaħ **Ċentru ieħor ta' matul il-jum għal anzjani b'diżabiltà** bil-għan li joffri s-sapport meħtieġ biex jolqot il-ħtiġijiet varjati ta' anzjani b'diżabilità.

**Anzjanità Attiva** Din is-sena, ġiet inawgurata Dar San Ġużepp f'Għawdex b'119-il sodda u bdiet tilqa' l-ewwel residenti anzjani f'Marzu li għadda. Is-sena d-dieħla, ser ikomplu għaddejjin ix-xogħlijiet ta' rinnovar u tisbiħ f'diversi djar residenzjali tal-anzjani, inkluż taż-Żejtun, tal-Mosta u tal-Imtarfa. Ser jinfetaħ ukoll Ċentru għall-Anzjanità Attiva ġewwa l-Isla li jikkumplimenta d-diversi ċentri li nfetħu dan l-aħħar, fosthom, fil-Belt Valletta. Ser tiġi estiża wkoll l-iskema ta' għajnuna għal dawk l-anzjani li jkollhom bżonn jikru sodod motorizzati. Ser titkompla l-ħidma biex tiġi mplimentata l-istrateġija l-ġdida tad-dimensja.

Fis-snin li ġejjin, ser jitkompla **l-investiment fir-residenza San Vinċenz de Paul** permezz ta' *Renal Unit*, magna tal-MRI ġdida, kif ukoll hemm il-ħsieb ta' binja ġdida għall-kura intermedjarja u żewġ swali addizzjonali; sala psikoġerjatrika u oħra għall-kura paljattiva.

Għas-sena d-dieħla, **l-għotja li tingħata lill-anzjani fl-età ta' bejn il-75 u d-79 sena,** li jgħixu f'darhom jew f'xi dar residenzjali li għaliha jħallsu minn buthom, ser tiżdied b'€50 għal €350. L-għotja lill-persuni fl-età ta' 80 sena u aktar ser terġa' tkun ta' €450.

Ser tiżdied ukoll **l-Iskema Carer at Home** b'€500 biex, is-sena d-dieħla, titla' għal €8,500 fis-sena.

**Inġustizzji tal-imgħoddi.** Matul is-sena d-dieħla, ser tkun finalizzata l-iskema għall-**eks membri tal-korpi** li, wara, kienu sabu mpjieg fis-settur pubbliku. Din ser tkun is-seba' u l-aħħar sena tal-iskema. Fl-istess waqt, ser tibqa' fis-seħħ l-iskema għal dawk li kienu daħlu fis-servizz pubbliku wara l-15 ta' Jannar tal-1979 biex jitħallsu għadd żgħir ta' eks apprendisti u studenti-ħaddiema li kienu bdew il-korsijiet tagħhom qabel dik id-data. Minħabba l-età tagħhom, dawn għadhom jaħdmu u, għalhekk, l-iskema qed tinżamm miftuħa għalihom biss biex jitħallsu meta jilħqu l-età tal-irtirar.

Wara konsultazzjonijiet neċessarji, ser jibdew jingħataw **pagamenti bħala kumpens** taħt skemi oħra li japplikaw għal **eks-ħaddiema tal-Korporazzjoni Telemalta ingaġġati bejn Jannar 1978 u l-15 ta' Jannar 1979** li, minħabba tibdil fil-politika tal-Korporazzjoni, naqsu milli jikkwalifikaw għal skema ta' pensjoni simili għal dik li kienet fis-seħħ sal-bidu tal-1979 għall-impjegati fis-servizz pubbliku.

Inklużi wkoll huma **Eks ħaddiema tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding** li, fl-2003, b'mod arbitrarju, kienu ġew trasferiti mal-**IPS** (Industrial Projects & Services Ltd) b'telf fid-dħul tagħhom.

Hemm ukoll **Eks ħaddiema tal-Gas Board** li kienu ġew **assimilati mal-Korporazzjoni Enemalta**. Fl-istess waqt, il-Gvern laqa' appell li sar f'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'kawża mressqa minn grupp ta' **eks ħaddiema tal-International Aeradio Ltd** li, fis-snin sebgħin, kienu impenjati fit-tħaddim tas-servizz tal-ajru taħt il-kappa tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili. Filwaqt li t-talba li ressqu ma ntlaqgħetx, il-Qorti rrakkomandat biex, fid-dawl tas-servizz li taw lill-pajjiż fi żminijiet diffiċli, jinstab mezz biex is-servizz li taw jiġi rikonoxxut. Dan ser jitwettaq billi tingħata għotja ta' darba lil dawn il-ħaddiema, jew lill-eredi tagħhom, skont l-istess termini tal-iskema għal persuni li kienu fil-korpi u wara daħlu jaħdmu f'dipartimenti tal-Gvern. B'kollox, minn dawn l-iskemi kollha, se jibbenefikaw madwar 2,600 persuna.

Filwaqt li nittama li l-punti t'hawn fuq kienu ta' tagħrif siewi għalikom, nistedinkom biex, min ikun irid jiċċara xi punti, jikkuntattja lill-KNA permezz tas-segretarja. Għal ġejjieni aħjar għall-anzjani u l-pensjonanti, il-KNA jilqa' wkoll suġġerimenti li jista' jkollkom ħalli dawn jiġu diskussi u, jekk ikun hemm bżonn, anki jitressqu għall-attenzjoni tal-awtoritajiet konċernati.

Fil-waqt li nixtiqilkom l-hena, nieħu din l-okkażjoni biex nawguralkom Sena Ġdida 2025 mimlija risq flimkien ma' dak kollu li tixtieq qalbkom.

---

Għeżież Anzjani,

Nitlobkom taraw l-ittra li tidher hawn taħt, mibgħuta mis-Sur Saliba, li għamel għadd ta' kummenti lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li, bħalma tafu, dejjem huwa lest iwieġeb il-mistoqsijiet u d-diffikultajiet li jista' jkollkom minn żmien għal żmien.

Agħmlu bħas-Sur Saliba u ibgħatulna l-ilmenti u l-kummenti tagħkom. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani huwa dejjem dispost jagħtikom id-direzzjoni u l-gwida li tkunu tinħtieġu.

Għaldaqstant, inħeġġiġkom tagħmlu użu mill-Indirizz Postali, l-Imejl u numru tat-Telefon tagħna, li kollha jinsabu fit-tielet faċċata ta' dan il-Magażin, *L-Anzjani Llum*. Għinuna ħalli, flimkien, inkunu ta' tarka għall-anzjani u l-pensjonanti kollha Maltin u Għawdxin.

Peter Paul Bonnici
President, Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

---

Dear Mr Piccinino,

I want to express my thanks for the articles by Emanuel Deguara regarding our pensions, especially in the last three editions of *L-Anzjani Illum*. Any increase in our pensions is always welcome but, unfortunately, the letters informing us of the increases which we receive from the Department of Social Security always read, and I quote, "Nixtieq ngħarrfek li, wara li saret reviżjoni tal-pensjoni tiegħek, issa gejt intitolat għall-PENSJONI TAL-IRTIRAR ... " That's all! Absolutely nothing in the letter mentions what the increase in pension received is for. It would be a great help if the Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani makes an appeal to the Department so that pensioners get this information in the letter they receive, such as, for example, "the increase in your pension is for pre-1962 ,,, " So far, when one asks a pensioner, "Għal xiex tawk iż-żieda?" The answer is always, "Ma nafx; ma kien hemm xejn miktub fl-ittra."

In the meantime, keep up the good work and, to Mr Emanuel Deguara, please keep writing your articles.



# Is-Surmast Ġużeppi Azzopardi kompożitur b'marċi mill-aqwa

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***

Kieku kont fuq ir-radju, kont insaffar erba' battuti ta' marċ u jiena ċert li intom kontu tagħrfuh mill-ewwel u tkomplu miegħi għax tassew marċ popolari. Dan il-marċ jindaqq kullimkien; fil-festi, waqt attivitajiet sportivi u anki politiċi. Għalkemm, sal-lum, għadu mingħajr lirika, dan il-marċ jogħġob lil kulħadd, l-aktar liż-żgħażagħ, imma kulħadd ikantah kif jaf hu. Ftit huma dawk li jafu li dan il-marċ jismu *Coronation* u li huwa kompożizzjoni tas-Surmast Ġużeppi Azzopardi li kien mir-Rabat ta' Malta. Għalkemm kien midħla sewwa tal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat, is-Surmast Ġużeppi Azzopardi qatt ma dderieġa baned ta' każini.

Mar-Rabtin, is-Surmast Azzopardi kien magħruf bħala, Ġużeppi ż-Żnaj. Kien idoqq il-pjanu tajjeb, anzi, il-marċi tiegħu kien jiktibhom fuq il-pjanu, li kien l-għajxien tal-familja tiegħu. Xogħlu kien idoqq il-pjanu f'wieħed mill-*clubs* tal-Belt. Barra minn hekk, kien jagħti l-lezzjonijiet tal-pjanu u kellu orkestrina wkoll.

Sirt midħla tal-marċi tiegħu għax il-Banda Konti Ruġġieru, li jiena kont parti minnha, dejjem kienet iddoqqhom u, bis-saħħa t'hekk, sirt naf ħafna mill-marċi li kkompona. Niftakar sewwa l-marċ, *Pju in Chun King*, marċ fuq stil ta' mużika Ċiniża, imsemmi għal wieħed magħruf bħala l-Pju, li kien mużiċista mal-Banda Konti Ruġġieru, li kien ikun kważi dejjem fis-sakra u li, fl-aħħar, spiċċa l-katubier tal-banda. *Pju in Chun King* huwa marċ tassew ħelu u differenti minn marċi oħrajn.

Infatti, nista' ngħid li l-marċi tas-Surmast Ġużeppi Azzopardi huma kollha differenti u kollha sbieħ. Qed ngħid differenti għax għandu marċi bi stil Spanjol, bħal, *Arena* u *Eviva Grande Spagna*; marċi bi stil Naplitan, bħal, *Napoli* u *Vesuvio*; bi stil Ċiniż fejn, minbarra l-marċ tal-Pju, għandu wkoll, *Chinese Rose*; kif ukoll bi stil Għarbi bħal, *Arabian Night* u *Cairo*. Kollha marċi sbieħ u kollha miktubin bis-sens. F'kelma waħda, qabel jikkomponi l-marċi, Azzopardi kien jistudja r-ritmi tal-post u, wara, isarraf dawn ir-ritmi b'melodiji f'posthom u, fl-istess ħin, bi stil festiv. Mhix ċajta!

Semmejtilkom biss ftit mill-marċi ta' Azzopardi. Anzi, nażżarda ngħid ftit ħafna għax anki marċi sud-Amerikani kiteb, bħal, *Carnival di Rio* u l-famuż *Christopher Columbus* li wkoll huwa wieħed mill-aqwa marċi tiegħu. Niftakar tajjeb li kien dan il-marċ li introduċieni mal-marċi ta' Ġużeppi Azzopardi. Niftakar ukoll lill-ħabib tiegħi Pawlu Tonna, Ta' Santu, li kien fil-Kumitat tal-Banda Konti Ruġġieru, jgħidli li, fl-arkivju mużikali tagħhom, għandhom ħafna marċi ta' Ġużeppi ż-Żnaj. U, bħal ħafna soċjetajiet mużikali oħrajn, ma tantx iħobbu jsellfu partituri mużikali. Il-marċi *Coronation* u *Christopher Columbus* ħarġu baxx baxx u spiċċaw kważi għand il-baned kollha ta' Malta. Qaluli li anki l-marċ, *Carnival di Rio* jidher għand xi baned oħrajn ukoll. Illum, ħafna huma dawk il-baned Maltin li qed idoqqu marċi ta' Azzopardi u dan huwa tajjeb għax huma marċi ħelwin.

Ġużeppi Azzopardi kkompona l-marċ *Coronation* għall-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta t-Tieni. Fil-fatt, dan huwa wieħed minn bosta marċi Imperjalisti oħrajn ta' Azzopardi. Hemm iktar, bħal, *Prince Charles*, *Welcome the Royal Family* u *Golden Eagle*, fost oħrajn.

Azzopardi kkompona marċi anki għall-Banda La Valette, fosthom, marċi funebri li huma sbieħ ukoll. Is-Surmast Azzopardi kien midħla sew tal-Banda La Valette; bejn għax, minħabba li ommu kienet Beltija, għamel xi żmien joqgħod il-Belt u anki għax hu kien Pawlin minn ġuf ommu.

Ġużeppi Azzopardi twieled ir-Rabat, fit-8 ta' Marzu tal-1908. Kien il-kbir fost tmint itfal. Missieru, li kien bandist mal-Banda Konti Ruġġieru, kien l-ewwel għalliem tiegħu. Wara, Ġużeppi kompla jistudja mas-Surmast Giuseppe Vitaliti li kien is-Surmast tal-Banda Konti Ruġġieru. Ħareg idoqq mal-Banda Konti Ruġġieru stess u kkompona l-ewwel marċ tiegħu meta kien għad kellu biss sittax-il sena.

Kif għidna, Ġużeppi Azzopardi kien pjanist tajjeb ħafna. Meta kien għadu żagħżugħ, zijuh irranġalu biex imur l-Ingilterra biex jistudja l-pjanu u t-teorija tal-mużika. Imma ma damx wisq hemm għax qalbu kienet taħarqu għar-Rabat. Erħilu li, aktar tard, emigra lejn l-Amerika fejn ikkompona l-marċ sabiħ, *New York City*. Infatti, huwa miet l-Amerika fit-18 ta' Diċembru, 1968 meta lanqas biss kien għadu għalaq is-sittin sena.

Jien għandi ammirazzjoni kbira lejn il-marċi ta' Azzopardi imma x-xewqa tiegħi hi li nisma' wkoll il-mużika ta' għadd ta' vodvilli li kkompona. Darba kont qrajt li Azzopardi, saħansitra, ikkompona l-mużika ta' operetta f'żewġ atti bl-isem ta' *Agostina l-Ballerina,* fuq librett ta' zijuh stess, Carmelo Azzopardi. Din l-operetta ttellgħet għall-ewwel darba mill-Għaqda Drammatika, *Golden Rose*, fit-Teatru tal-Każin Konti Ruġġeru, f'Jannar tal-1953.

Naf li, darba, ċempilli xi ħadd mill-Kultura u jien issuġġerejtlu din l-operetta. Għedtlu li l-mużika ta' Azzopardi hija mużika ferrieħa. Min kien, kien jaf bil-marċi ta' Azzopardi għax kien dilettant sew tal-baned Maltin. Kien jidher li dak is-suġġeriment għoġbu. Niftakar li kont għedtlu wkoll li l-mużika tas-Surmast Ġużeppi Azzopardi hija ppriservata tajjeb ħafna fil-Każin tal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Imma x'ġara eżatt wara ma nafx. Naf biss li ma kien sar xejn.



# Il-lessiku Malti fid-dizzjunarju tal-Professur Ġużè Aquilina

## L-ewwel parti

*Kitba ta' Anthony Cardona*

Bla dubju, id-dizzjunarju voluminuż tal-Professur Ġużé Aquilina, li huwa magħmul minn sitt volumi (żewġ volumi bil-Malti, 'Maltese-English Dictionary' 1987/1990, u erba' volumi bl-Ingliż, 'English-Maltese Dictionary' 1999) huwa l-aqwa dizzjunarju ta' referenza li għandna sal-lum. Kull studjuż tal-Malti, kemm jekk ikun student, għalliem, avukat, kittieb jew traduttur, żgur li jiġi bżonnu fix-xogħol tiegħu. Illum, kull min jaħdem fil-qari tal-provi, jew huwa midħla tad-traduzzjoni, l-interpretazzjoni u anki min janalizza d-dokumenti uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, mingħajru ma jaħdimx u jkollu jħabbat wiċċu ma' għadd ta' diffikultajiet. Bid-dizzjunarju ħdejk, diġà huwa diffiċli taqleb għall-Malti għadd ta' dokumenti mill-Ingliż dwar oqsma li qatt ma konna noħolmu bihom bħal, ngħidu aħna, il-fiżika nukleari, il-makroekonomija jew l-intelliġenza artifiċjali.

Fl-istess dizzjunarju tiegħu, il-Professur Aquilina jagħti dawn it-tifsiriet tal-kelma lessiku: "lexicon" 1. lessiku; dizzjunarju, l-aktar, ta' xi lingwa qadima bħalma huma l-Latin u l-Grieg. 2. lingwa, vokabularju (ikkuntrastat mal-grammatika).

Naturalment, dizzjunarju modern irid ikollu ġabra ta' lessiku li tirrifletti l-ilsien mitħaddet u d-dizzjunarju ta' Aquilina diġà ilu magħna sebgħa u tletin sena. Fl-ewwel paġni tal-ewwel volum, Aquilina jiggwidana għad-dizzjunarju billi jagħti tagħrif dwar kif inhu magħmul l-ilsien Malti; il-grammatika tiegħu, l-element Semitiku, il-pronunzja, il-fonetika (l-istudju tal-ħsejjes tal-kliem) il-morfoloġija (l-istudju tal-forom tal-kliem) u l-forom verbali, nominali u aġġettivali. Huwa daħħal ukoll ħafna neoloġiżmi, jiġifieri kliem ġdid li qabel ma kont issibhom imkien; kliem ta' natura teknika u xjentifika bħal, ngħidu aħna, disk-brejk, interkom, radjejter, sejftibelt u woxer, kif ukoll, frekwenza, lejżer, telemetrija, ultrasoniku u vakum.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, dawn aktar qed jiżdiedu minħabba l-iżvilupp tat-teknoloġija. Id-dizzjunarju ta' Aquilina huwa mibni fuq dizzjunarji oħrajn li nkitbu qabel, bħal dawk ta' Busuttil, ta' Caruana, ta' Magro, ta' Psaila u ta' Serracino-Inglott u, magħhom, hemm żjieda sostanjali ta' kliem li daħal fil-Malti minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Wara kollox, l-iskop ta' dizzjunarju huwa li jaqdi lil kull min irid isib malajr it-tifsira ta' kelma u, biex jagħmilha aktar faċli, Aquilina ma mexiex biss fuq is-sistema Semitika tal-għerq, bħalma ssib f'dizzjunarji tal-Għarbi, imma uża s-sistema alfabetika tal-ilsna Ewropej. Ngħidu aħna, jekk tiġi biex tfittex il-kelma "mitħna" f'dizzjunarju tal-Għarbi, mintix ser issibha taħt l-ittra 'M' imma taħt l-ittra 'T' għax ġejja mill-għerq 'TĦN' tal-verb 'TaĦaN'. Però, fid-dizzjunarju ta' Aquilina m'għandniex din il-problema għax, taħt l-ittra 'M', mhux biss jagħtik lista alfabetika ta' nomi mimmati, imma wkoll, fil-kelma 'Taħan', jindikalek l-etimoloġija tagħha (jiġifieri minn fejn ġejja), joħroġlok il-morfoloġija derivattiva billi jindika l-kliem imnissel minnha u jagħtik ukoll it-tifsira idjomatika u metaforika ta' kliem li għandu saħħa polisemantika, jew aħjar, aktar minn tifsira waħda.

B'dan il-mod, il-'Maltese-English Dictionary' jimxi b'ordni alfabetika u, waqt li juri s-saħħa derivattiva li għandha l-morfoloġija Semitika, ma jittraskurax in-neoloġiżmi ta' natura xjentifika u teknoloġika tal-Malti modern. Fil-fatt, issib fih kliem mill-oqsma kollha tal-ħajja bħar-reliġjon, ix-xjenza, il-letteratura, il-folklor, il-ġografija, l-storja, il-mediċina, l-ekonomija u oħrajn. Lista twila, li ma tispiċċa qatt, ta' eluf kbar ta' kliem li, f'ħafna minnhom, issib minjiera enċiklopedika ta' tagħrif ta' natura lessikali, morfoloġika, etimoloġika, sintattika (it-tqegħid ta' kliem b'mod grammatikali fis-sentenza) u semantika (l-istudju tat-tifsir tal-kliem).

Fil-qofol tiegħu, id-dizzjunarju Malti-Ingliż, jikkonsisti f'ġabra alfabetika ta' kliem li tinkludi n-nomi, l-aġġettivi, il-partiċipji, il-verbi u l-kliem kollu li, fis-sistema Semitika, jaqa' taħt kategoriji skont il-morfoloġija inflettiva tiegħu. Biex nagħti eżempji, fis-sistema nominali tas-Semitiku, issib, fost oħrajn:

a) **in-nomi verbali** li juru l-isem tal-għemil, bħal: kines/knis, daħal/dħul, ħareġ/ħruġ, ġera/ġiri, beka/biki, silef/self, tilef/telf u niżel/nżul;

b) **in-nomi mimmati** - li għandhom tifsira ta' post/għodda/żmien jew astratt, bħal: taħan/mitħna, ħażen/maħżen, nefaħ/minfaħ, għasar/magħsar, wiled/Milied, ħabb/mħabba, għader/mogħdrija, ħaqar/moħqrija u bagħad/mibegħda;

ċ) **in-nomi denominattivi** - li jinbnew mill-istess għerq tan-nom li jitnisslu minnu bħal: raġel/rġulija, tifel/tfulija, qalb/qlubija;

d) **in-nomi diminuttivi** - li juru ċokon jew ħlewwa, bħal:

tifla/tfajla, tieqa/twejqa, xatt/xtajta, dar/dwejra, xiħa/xwejħa, ġnien/ġnejna; u

e) **in-nomi tal-aġent** - li juru min jagħmel ix-xogħol, bħal: ħadem/ħaddiem, biegħ/bejjiegħ, kaħħal/kaħħal, bajjad/bajjad, għallem/għalliem, żifen/żeffien.

Hemm ukoll ismijiet botaniċi mil-Latin, ismijiet kimiċi mill-Grieg, ismijiet ta' oġġetti vvintati, ismijiet ta' ħut, ta' flora u ta' fawna u ta' ħafna kategoriji oħrajn. Issib ukoll l-aġġettivi, il-partiċipji, il-verbi, espressjonijiet onomastiċi u toponomastiċi, jew aħjar, dawk li juru l-kunjomijiet u l-ismijiet tal-postijiet, bħal: Borg, Catania, Mosta, Mellieħa u l-Gharb kif ukoll ismijiet ġeografiċi bħal: il-Greċja, il-Marokk, Spanja, l-Eġittu u kliem ieħor li juri esklamazzjoni.

Kieku kellna nifirxu l-oqsma kollha tal-ħajja li jittratta d-dizzjunarju ta' Aquilina, insibu mal-mitt kategorija li, minnhom, ser insemmi xi ftit bħala eżempji: dik agrikola, akkademika, antropoloġika, arkitettonika, bankarja, bijoloġika, botanika, ekonomika, filosofika, fiżika, ġurnalistika, ġeoloġika, ħjata, kimika, teoloġika, lingwistika, mekkanika, nawtika, onomastika, patoloġika, ottika, psikoloġika, sportiva, teatrali, toponomastika, xjentifika u żooloġika.



# Il-Presepju ta' Jesmond

*Storjella ta' Joseph Muscat mill-Fgura*

Ċorma tfal, żgħażagħ u anzjani, telgħu t-taraġ li jagħti għal terrazzin li, fuq naħa tiegħu, hemm kamra mdaqqsa. Fin-nofs ta' din il-kamra, mejda kbira u, iddur dawra mejt madwar il-kamra kollha, xkaffa l-istess għoli tal-mejda. U, kull fejn tħares, ħlief presepji ma tarax; presepji ta' kull għamla, daqs u sura; presepji tal-kartun, tal-kartapesta, tas-sufra, tal-ġablo, tal-arzell u, saħansitra, anki tal-gagazza; presepji kollha l-istess imma, fl-istess ħin, kollha differenti. Presepji kollha bil-għar; ħofra mdaqqsa fil-blat fejn għażel li jitwieled Ġesù Bambin; għar imbierek minn dawl misterjuz donnu ġej dritt mis-sema. Kull presepju għandu ċertu seħer. Mill-ixkaffa sal-art, purtiera u, wara l-purtiera, għad-dlam, plattini, laned u bottijiet miżrugħin bil-qamħ, bil-ġulbiena u bl-iskalora; għal meta jasal il-waqt. Iċ-ċorma li telgħu f'dik il-kamra kellhom ħaġa waħda li tgħaqqadhom; kollha dilettanti tal-presepju. Fuq il-mejda u fuq l-ixkaffa, maġenb il-presepji, bottijiet tal-kolla, pniezel u stoċċijiet tal-kuluri nofshom użati; bil-kannella tal-ħamrija, l-aħdar tal-ħaxix u l-abjad imnaqqax bil-griż tal-blat.

Il-presepju ta' Jesmond kien lest. Kien għad jonqsu biss li jarmah bil-pasturi. Superjur anzjan resaq lejh jammira x-xogħol ta' dak in-naqra ta' tifel. "Proset ħej," qallu; "kemm ġiek sabiħ!"

"Il-pasturi jonqosni npoġġi," qallu Jesmond kemxejn ħosbien, "imma għadni ma nafx kif ser naqbad nagħmilhom," kompla jgħid it-tifel donnu qiegħed jhewden. Moħħu kien biss kif ser jarma l-presepju tiegħu bl-aktar mod effettiv. Ried li din tkun l-aħħar daqqa tal-imgħallem li trebbħu l-kukkarda l-ħamra tal-ewwel post tal-kompetizzjoni li tal-Mużew jorganizzaw kull sena f'dan iż-żmien. Poġġa bilqiegħda fuq siġġu, serraħ rasu mal-ħajt u ċċassa jħares lejn il-presepju tiegħu u jimmaġina kif l-aħjar li jagħmlu, donnu qed jittama f'xi ispirazzjoni ġejja minn xi mkien aktar 'il bogħod. Ħin minnhom, ħadu n-nagħas, għajnu marret bih u raqad.

Ħolom b'Ġużeppi u Maria ħdejn il-maxtura. Warajhom, il-baqra u l-ħmara jsaħħnu lit-tarbija b'imnifsejhom. 'L hawn u 'l hinn, nagħaġ inaqqru l-ħaxix. Quddiem l-għar, ir-rgħajja jħarsu mistagħġbin jaraw dik ix-xena sabiħa. Maġenb minnhom tal-għar, mara timla l-ilma mill-bir u, f'rokna, fil-ġenb l-ieħor, il-furnar joħroġ u jdaħħal il-ħobż fil-forn permezz ta' pala tal-injam bil-manku twil. Tliet iġmla jġorru s-Slaten Maġi qegħdin fuq in-naħa ta' wara, bilkemm jidhru, apposta, biex jagħtuk l-impressjoni li ġejjin miill-bogħod. Fuq l-għar, hemm ix-xabbatur, 'il fuq minnu, l-Anġli jkantaw il-Glorja u, fuq kollox, tiddi l-kewkba ta' Betlem.

Jesmond ma jafx sewwasew kemm dam lubien. Li hu żgur hu li stembaħ b'ħasda. Għal mument, ħassu mifxul; qisu ma jafx fejn kien qiegħed. Imbagħad, ftit ftit, beda ġej f'tiegħu. Ħares lejn il-kaxxa tal-pasturi u ħa ħasda oħra. Il-kaxxa kienet vojta! Fejn marru l-pasturi? Min ħadhomlu? Imma le, ħadd ma ħadhomlu; hemm kienu, kollha f'posthom, fil-presepju, eżatt kif ħolomhom hu f'dik in-nagħsa ċkejkna li kien għadu kemm ħa. Jesmond tpaxxa jħares lejhom! Kemm ġie ħelu l-presepju tiegħu dis-sena! Din id-darba, żgur li għalih il-kukkarda l-ħamra tal-ewwel post!

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Żmien preċiż għal bidla fl-ilbies

Anki l-ilbies kien jimxi skont it-tradizzjoni u konna nbiddluh fil-waqt preċiż tiegħu. Kien hemm l-ilbies ta' barra, l-ilbies normali u kien hemm l-ilbies ta' ġewwa li, aktarx, kien ilbies li messu ntrema diġà. Fis-sajf, konna nkunu lkoll ħafjin imma, jekk kienet iċċempel il-qanpiena tal-bieb u jkun ġie xi ħadd, trid tara lil kulħadd ifittex qorq jew *flipflop* jew żarbun! Ma stajniex nidhru ħafjin quddiem in-nies. Fix-xitwa, ommi kienet tlibbisna l-flokk ta' taħt biċ-ċingi u bla kmiem u, fuqu, kien ikollna flokk oħxon tal-flanella, bil-kmiem twal.

Malli l-arja tibda tisħon, wara konsulta bejn ommi u missieri fuq it-temp u dejjem fid-dawl tal-biża' mill-irjiħat, kienet tittieħed id-deċiżjoni li naqilbu għall-ilbies ta' taħt tas-sajf billi nneħħu l-flokk tal-flanella u nibqgħu bil-flokk ħafif taċ-ċingi. Mas-sajf, kienu jintrefgħu l-*pullovers*, il-ġersijiet, il-*mufflers* u, sikwit, l-ingravati wkoll u, naturalment, il-ġlekkijiet u l-kowtijiet. Konna noħorġu bil-qmis, jew tan-nofs komma jew tal-komma twila mxammra sa minkbejna. Missieri kien ineħħi l-lobbja li kien iħobb joħroġ biha fix-xitwa; xi drabi, konna nidħku bih meta kien jilbisha u, sikwit, konna nilbsuhielu aħna biex nidfnu wiċċna fiha. Hu kien jidħak ftit magħna, imbagħad, kien jeħodhielna, ifarfarha u jerfagħha f'postha. Fis-sajf, kien joħroġ xuxa.

Bħal ħafna rġiel oħrajn, kien jarma jrewwaħ bil-palju li kien jixtrih minn fuq il-Monti tal-Belt. Kien idum kwarta biex jagħżel wieħed, tant kemm kien ikun hemm paljijiet differenti! Palju tal-qasab, b'xi disinn fuqu, b'lasta tal-injam, iddur tond tond. Ikun fejn ikun, kien joħroġ bih u jrewwaħ, ġewwa u barra, fid-dar u fil-knisja. Għal ommi, kien hemm l-imrewħa u kienet tassew sabiħa għax kienet wirtitha mingħand zijietha tal-Kottonera u kellha ż-żmien. Kienet imkabbra mhux ftit biha.

### *Il-Labtu u s-Santi*

Kien hemm ħaġa li, sajf jew xitwa, ma konna nneħħuha qatt minn fuqna: il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu. Il-kelma Maltija 'labtu' hija mnissla mill-kelma Taljana *abito*, li tfisser libsa. Kien magħmul minn biċċa drapp kannella, aktarx bix-xbiha tal-Madonna, b'żigarella li biha konna ndendluh m'għonqna u jasal sa fuq sidirna. Il-Labtu kien jintlibes għall-ewwel darba f'ċerimonja apposta li kienet saritilna mis-superjur il-kbir fil-Mużew. Imma, kemm ommi u kemm missieri, u anki ħuti l-bniet, ukoll kellhom il-Labtu li naħseb li libsuh l-ewwel darba f'xi ċerimonja oħra. Ma konna nneħħuh qatt minn fuqna, lanqas meta ngħumu, u konna nemmnu li għandna nkunu dejjem bih fuqna biex, jekk immutu, immutu bih. Jien kont nibża' nneħħih minn ma' għonqi, mqar għal ftit.

Ommi kienet tehmżilna wkoll domna tal-Madonna Mirakoluża mal-flokk ta' taħt. Konna ndendluha magħna b'labra tas-sarwan bit-tama li din qatt ma tinfetaħ u tniggiżna. Meta nilbsu l-ġlekk, kellna wkoll id-drawwa li nżommu Santa fuqna fil-but ta' ġewwa. Mill-bqija, kellna bosta Santi differenti fid-dar u konna nġemmgħuhom. Is-Santi duplikati, konna npartuhom ma' oħrajn differenti ma' sħabna fl-iskola jew fil-Mużew. L-isbaħ Santi kienu s-Santi taċ-ċikwejra u konna nsejħulhom hekk aktarx għax kellhom lewn il-kafè, kannella. Uħud konna nixtruhom filwaqt li oħrajn kienu jagħtuhomlna l-qassisin u, l-aktar, is-seminaristi li kienu jgħaddu f'ringieli ta' tnejn tnejn minn quddiemna kuljum tard waranofsinhar. Konna niġru lejhom malli narawhom ġejjin u "Agħtuni Santa," konna ngħidulhom. Huma kienu jieqfu, idaħħlu jdehom fil-but ta' ġewwa taħt is-suttana u jqassmulna s-Santi. "Benedizzjoni," konna ngħidulhom (fil-fatt, sikwit konna nqassru l-kelma f'"bezzjoni"). Hekk konna nagħmlu, nitolbu l-benedizzjoni, aktarx b'idejna msallbin fuq sidirna, kull meta konna nilmħu qassis għaddej fit-triq. Il-qassis kien jifrex idu l-leminija fuq rasna u jgħidilna "Kunu mberkin." U "Bravi! Bravi!" ġieli konna nisimgħuhom jgħidulna xi ġirien jew nies oħrajn, adulti, talli nkunu għamilna hekk. Dak il-kumpliment, niftakar tajjeb, kien jinżlilna għasel.

Il-qabża mit-tfulija għaż-żgħożija ma kinitx issir kif ġieb u laħaq. Ma konniex nitħallew nidhru jew inġibu ruħna bħala żgħażagħ qabel il-waqt. Sakemm aħna tfal, kellna l-qalziet qasir u, meta nibdew nitfarfru, ningħataw il-qalziet twil. Biex nidhru rġiel, kellna ħabta ndaħħlu jdejna fil-bwiet imma ommi u missieri ma kinux iriduna nimxu b'idejna fil-bwiet. Stajna naqgħu bla ma nkunu nistgħu nżommu b'idejna; kienet ukoll nuqqas ta' edukazzjoni. Forsi f'moħħhom kellhom il-poża tal-*gangsters* f'ċerti *films* li kienu bdew jimlew ras kulħadd; anki ta' dawk li qatt ma kienu daħlu f'teatru.

# Żewġ minuti kollox

## *F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta erba' ċajtiet*

**Qrati u Avukati**

Dawn li ġejjin huma xhieda vera li ngħatat f'diversi qrati Amerikani matul is-snin u rappurtati fil-gazzetti

**Avukat**: "Din il-*myasthenia gravis*, affettwatlek il-memorja għalkollox?"
**Xhud**: "Iva"
**Avukat**: "U b'liema mod affettwatlek il-memorja?"
**Xhud**: "Issa nsejt"
**Avukat**: "Tista' tagħtina eżempju ta' xi ħaġa li nsejt?"

L-imħallef ma waqqafx ir-rebus li qam fl-awla dak il-ħin għax anki hu kien mifqugħ bid-daħq!

---

**Avukat**: "Kellha tlett itfal, hux hekk?"
**Xhud**: "Iva"
**Avukat**: "Kemm minnhom kienu subien?"
**Xhud**: "Ħadd."
**Avukat**: "Allura kemm kellha bniet?"
**Xhud**: (Idawwar rasu lejn l-Imħallef u jgħid) "Nitlob lis-Sinjurija tiegħek tipprovdili avukat difensur differenti!"

---

**Avukat**: "Kif kien intemm l-ewwel żwieġ tiegħek?"
**Xhud**: "Bil-mewt"
**Avukat**: "U bil-mewt ta' min?"
**Xhud**: "Ipprova aqta', isa, Sur Avukat."

---

**Avukat**: "Tabib, fi xħin bdejt l-awtopsja."
**Tabib**: "Għal xi t-tmienja u nofs ta' filgħodu."
**Avukat**: "U, dak il-ħin, is-Sur Trent kien mejjet?"
**Tabib**: "Jekk ma kienx, żgur li kien wara li spiċċajt l-awtopsja!"
**Avukat**: "Dottore, qabel bdejt l-awtopsja, iċċekkjajtulu l-polz?"
**Tabib**: "Le."
**Avukat**: "Ippruvajthielu l-pressjoni?"
**Tabib**: "Le".
**Avukat**: Rajtx jekk kienx qed jieħu nifs?"
**Tabib**: "Le".
**Avukat**: "Allura kien hemm xi possibilità li l-pazjent seta' kien għadu ħaj qabel bdejt l-awtopsja?"
**Tabib**: "Le".
**Avukat**: "Kif tista' tkun daqstant ċert Tabib?"
**Tabib**: "Għax moħħu kien miftuħ beraħ quddiemi, ġo dixx!"
**Avukat**: "Qed nifhmek. Imma xorta waħda seta' ġara li l-pazjent kien għadu ħaj, le?"
**Tabib**: (b'sarkażmu) "Iva, seta' kien għadu ħaj u qed jipprattika biex isir avukat!"

# Intervista maċ-ċeramist Godfrey Xuereb



***L-ewwel nett, fil-qosor, għidilna xi ħaġa dwar l-istorja ta' ħajtek u l-bidu tal-karriera tiegħek.***

Twelidt il-Birgu f'Settembru 1937. Ma nafx li kont imqareb. Li naf żgur hu li, lanqas ilħaqt għalaqt sentejn, li ma qlajtx gwerra dinjija, u l-familja tagħna kienet evakwata lejn Ħal Qormi. Niftakarni tifel żgħir mal-ġenituri tiegħi niżlin ġo xelter imħaffer taħt l-art. Fil-fatt, id-dar tagħna tal-Birgu ġġarfet bil-bombi tal-għadu. Niftakar ukoll li, darba, meta kelli xi ħames snin, ommi u missieri ħaduni magħhom il-Birgu biex naraw il-bini mwaqqa'. Kienet gwerra qalila dik li qlajt jien. Damet kważi sitt snin u ma waqfitx qabel indimt minn dnubieti u għamilt il-Preċett u l-Griżma fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

Meta spiċċat il-gwerra, sibna ruħna bla dar u l-*Protection Office* allokawlna dar f'Birżebbuġa. It-tfulija u ż-żogħżija tiegħi f'Birżebbuġa kien żmien sabiħ u trankwill. Konna mmorru l-Mużew u l-Azzjoni Kattolika fejn kellna grupp tad-drama tajjeb ħafna fost iż-żgħażagħ. Fis-Sajf, għawm fil-Bajja s-Sabiħa; fix-Xitwa, mixjiet twal fil-Wied ta' Għar Dalam; *films* fil-*Lido Cinema* u *roller-skating* fit-Teatru *Belle Isle*.

Bdejt nattendi l-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa u, wara xi tliet snin, il-ġenituri tiegħi kitbuni biex immur l-Iskola St Michael's, ġo Villa Violet, il-Marsa. Din l-iskola kienet immexxija mis-Soċi tal-Mużew, taħt il-ħarsien ta' Dun Ġorġ Preca bħala Direttur, u kienet tħarreġ studenti għall-eżami tal-apprentisti tat-Tarzna. Ta' ħmistax-il sena, mhux biss għaddejt minn dan l-eżami ferm kompetittiv, talli ġejt l-ewwel fost l-istudenti kollha ta' St Michael's. Bħala premju, Dun Ġorġ Preca tani ktieb li għadni ngħożżu sal-lum.

Fil-kors tal-apprentistat, li kien twil sitt snin, attendejt id-*Dockyard Technical College* fejn *lecturers* Ingliżi kienu jħarrġuna, l-aktar, fix-Xjenza u l-Matematika. Irnexxieli ntemm il-kors b'suċċess u b'ċertifikat *First Class*. Komplejt l-istudji tas-*City & Guilds of London Institute* u ksibt l-ogħla grad ta' *Full Technological Certificate*. Ma' dawn, temmejt ukoll il-*General Certificate of Education* fil-livell ordinarju u f'dak avvanzat.

***X'tista' tgħidilna dwar il-ħajja personali tiegħek! Dak li tista' tiżvela biss eh!***

Jien u l-mara tiegħi, Josephine, iżżewwiġna f'Lulju 1961 u għandna tlitt itfal. Il-kbir, Godfrey *Junior*, fost affarijiet oħra, serva fl-Għaqda Dinjija tas-Saħħa fejn ħadem għal aktar minn tlieta u għoxrin sena. Fuq il-bażi tal-esperjenza diplomatika tiegħu, is-sena l-oħra, il-Gvern Malti għażlu biex iservi bħala l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Istati Uniti tal-Amerka. It-tnejn l-oħra, Franco u Fleur, it-tnejn qabdu karriera fil-Banek Kummerċjali Maltin.

Meta t-tfal kibru, jien u Josephine konna nsiefru, tista' tgħid, kull sena u żorna bosta pajjiżi. Li nista' ngħidlek hu li, naturalment, f'ħajja miżżewġa ta' aktar minn tlieta u sittin sena, ikollok it-tlugħ u jkollok ukoll l-inżul imma, għall-grazzja t'Alla, dejjem imxejna u ħarisna 'l quddiem. Niżżuħajr 'l Alla, illum, aħna nanniet ta' ħamsa u bużnanniet ta' żewġ subien.

***Meta kont għalliem, liema suġġett, jew suġġetti, kont tgħallem?***

Fl-1962, inħolqitli opportunità biex nibda ngħallem l-Elettronika u l-Matematika bħala *Full-time Visiting Master* fl-Istitut Tekniku ta' Raħal Gdid. Dik il-ħabta, it-tagħlim tal-Elettronika kien għadu fil-bidu tiegħu u nissogra ngħid li aħna konna l-pijunieri fit-taħriġ ta' bosta studenti li, iktar 'il quddiem, sabu karriera ma' Xandir Malta, Deutsche Welle, fabbriki ġodda tal-elettronika u anki fil-qasam tat-telekomunikazzjoni. Kont għall-qalbi immens. Studenti li kont ngħallem dak iż-żmien għadhom jistednuni sal-lum meta jkollhom xi *reunion*.

Fl-1969, irbaħt *Commonwealth Bursary* ta' sena fl-Università ta' Birmingham fil-qasam tal-edukazzjoni; kors li temmejt b'*Distinction*. Fl-1976, irbaħt *Commonwealth Bursary* ieħor u mort sena nistudja fl-Università ta' Reading fejn ksibt *Diploma in Education* bi speċjalizzazzjoni fil-*Counselling* u l-*Guidance*. Il-qasam edukattiv dejjem kien il-ħolma tiegħi u xtaqt li anki navvanza fih ukoll. L-ewwel, ilħaqt Assistent Kap ta' Skola u, wara xi tliet snin, sirt Kap ta' Skola Sekondarja. L-amministrazzjoni tal-iskejjel sekondarji li servejt fihom kellhom id-diffikultajiet tagħhom imma xorta tawni ħafna sodisfazzjon. L-akbar pjaċir tiegħi kien ikun meta nara studenti jippromettu u jaqbdu karriera. Irrid ngħid ukoll li, parti minn dan is-suċċess huwa dovut għall-kooperazzjoni li dejjem sibt mill-għalliema u l-ġenituri. Emmint ħafna fl-attivitajiet extrakurrikulari. Emmint fil-qawwa tal-isport, tad-drama, tal-mużika, tal-arti u tal-ħargiet kulturali. Eks-studenti li niltaqa' magħhom kollha jfakkruni



kemm kienu jieħdu gost bil-*musicals* li konna nagħmlu għall-Jum il-Premjazzjoni u għall-Milied kif ukoll fis-*Summer Camps* li konna nagħmlu l-Għadira.

Għal xi żmien, kont ngħallem *part-time* ukoll. Għallimt il-Fiżika lill-istudenti tas-Seminarju Minuri, il-Furjana, u niftakar li, fost l-istudenti, kien hemm Dr Lawrence Gonzi, eks-Prim Ministru, u Dr Anġlu Farrugia, l-I*speaker*. Irtirajt bl-età fl-1998 wara kważi sitta u tletin sena servizz fil-qasam edukattiv.



***Allura, kif bdiet din in-namra tiegħek mal-arti taċ-ċeramika?***

Meta rtirajt, smajt bl-Università tat-Tielet Età kif ukoll bil-ħtieġa li aħna l-anzjani nibqgħu attivi. Ħajra artistika lejn l-iskultura fiċ-ċeramika dejjem kelli u, allura, waħħaltha f'rasi li nibda kors ta' filgħaxija fil-*Pottery & Ceramics* li kien isir fl-Iskola tal-Arti u d-Disinn, ta' Tarġa Gap. Domt nattendi darbtejn fil-ġimgħa għal tliet snin sħaħ. It-taħriġ kien isir miċ-ċeramista George Muscat. Tant ħadtha bis-serjetà li investejt fl-apparat meħtieġ, bħal *Pottery Wheel*, forn taċ-ċeramika, *glazes* eċċetra. Matul il-kors, tgħallimt it-teknika tar-*Raku* li hija metodu antik Ġappuniż dwar kif tinħaraq iċ-ċeramika.

Bdejt nieħu sehem f'wirjiet tal-arti flimkien ma' oħrajn u, wara ċertu żmien, bdejt naħdem xogħlijiet fiċ-ċeramika ta' binjiet storiċi Maltin. Għamilt l-ewwel wirja tiegħi waħdi f'Couvre Porte, il-Birgu, fl-2002. B'kollox, għamilt aktar minn tmien wirjiet personali li, fl-opinjoni tiegħi, kollha kienu suċċess. Imma, l-aktar wirja taċ-ċeramika għall-qalbi kienet dik li kont għamilt fis-sena 2010 fil-Palazz ta' San Anton b'risq il-Malta Community Chest Fund, taħt il-patroċinju tal-President Emeritus, Dr George Abela.

***Għandek impenji oħrajn minbarra dawk fl-arti taċ-ċeramika?***

Kif għidtlek, jiena nemmen ħafna fil-ħtieġa li l-anzjani jibqgħu attivi u li ma jitilfux l-interess fil-ħajja u, sakemm tibqa' ttini saħħti, deċiż li nservi ta' eżempju f'dan ir-rigward. Infatti, bejn l-2013 u l-2019, kont il-President tal-Kunsill tal-Iskola Sekondarja, St Clare College, ta' Pembroke. Bejn 2014 u l-2024, kont Segretarju Onorarju tal-Kummissjoni Maltija għall-UNESCO u bejn l-2017 u l-2019 servejt ukoll bħala Membru fuq il-Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Anzjani.

***Bħala edukatur u artist, x'parir ewlieni tagħti lill-anzjani u liż-żgħażagħ tal-lum?***

Lill-anzjani kollha b'mod ġenerali u lil dawk li, jew waslu biex, jew għadhom kemm, irtiraw b'mod partikolari, inħeġġiġhom biex isibu xi sfog ħalli jużaw il-ħin ħieles li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'mod sensibbli u effikaċi ħalli jibqgħu luċidi kemm jista' jkun possibbli u jibqgħu 'il bogħod mill-perikli li ġġib magħha l-marda kiefra tad-dimenzja.

Żommu grupp żgħir ta' ħbieb ġenwini li magħhom tkunu tistgħu tqattgħu ftit tal-ħin leġġer. Jiena kont inħobb, u għadni sal-lum, kull nhar ta' Sibt filgħodu, immur sal-Belt fejn niltaqgħu erbat iħbieb, nieħdu kafè jew flixkun birra flimkien u ngħidu kelma għal li jista' jkun.

Liż-żgħażagħ tal-lum ngħidilhom biex jieħdu iktar sehem f'attivitajiet soċjali, sportivi, kulturali u artistiċi għax, b'hekk, ikunu qed jiżviluppaw il-karattru personali tagħhom li jrid iwassalhom biex, aktar 'il quddiem meta jikbru u jieħdu l-istat tagħhom, ikunu jistgħu jaħsdu dak it-tajjeb kollu li jkunu żergħu.



# Titwiliet Għawdxin

*Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex*



**Il-Qala**

Fil-ħarsa li tajt lejn Kemmuna, semmejt lil Ħondoq ir-Rummien. Dawn l-aħħar snin, din il-bajja kienet fl-aħbarijiet ġmielha minħabba l-isforsi, ibda mis-sindku, biex ma jsirx l-iżvilupp li kien qiegħed ikun propost. Dawn l-inħawi jagħmlu mar-raħal tal-Qala, magħruf matul diversi sekli għall-preżenza tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Din il-knisja, imbiegħda sew miċ-ċentru tal-lum, nistgħu niddeskrivuha bħala kalamita devozzjonali għal sekli sħaħ. Fi żmien ta' xi disgrazzja nazzjonali, niesna kienu jinġabru hemm biex jitolbu fi tmiem ta' pellegrinaġġ li kien jiġi anki mill-bogħod u mhux minn Għawdex biss!

Din il-knisja ma nafux meta nbniet imma d-dokumenti joħduna lura, almenu, sa żmien l-Għarab. Wara li l-Monsinjur Dusina kien ikkundannaha minħabba l-istat ħażin tagħha, il-poplu sewwiha u kabbarha. Jingħad li, biex jissodisfa wegħda, fl-1615, l-Isqof Cagliares bidlilha t-titular mill-Assunzjoni għall-Immakulata Kunċizzjoni. Il-qadim (Santa Marija tal-Qala) ittieħed lejn il-knisja parrokkjali u għandu mnejn serva ta' ispirazzjoni għall-pittur tal-kwadru tas-Santwarju Nazzjonali Marjan modern li hemm f'Ta' Pinu. Inkurunat fl-1954, it-titular preżenti kien xogħol Federico Barocci.

Din il-knisja tkellimna b'diversi leġġendi, fosthom, dik tal-eremita San Kerrew, tas-seklu ħmistax, li hu midfun fil-kripta. Tkellimna wkoll permezz tas-sinjali minquxa fil-ħitan; għeliem ta' pellegrini rikonoxxenti għax ħelsu mill-għarqa jew sabu xi għajnuna oħra mis-sema. Maġenbha, inbena ċimiterju armat b'kollox.

Imma l-parroċċa għandha knisja oħra, jew aħjar, kappella, iddedikata wkoll lill- Kunċizzjoni. Nista' ngħid li l-kappella Tal-Blat niltaqgħu magħha fuq is-sies ta' Ħondoq ir-Rummien; qiegħda hemm waħedha, biz-zuntier idur madwarha. Vintartal qadim li nstab hawn jagħti ħjiel li nbniet minn xi sajjied għax, barra l-Madonna, juri wkoll lil Sant' Indrija. It-titular huwa ta' tmiem is-seklu tmintax u huwa xogħol ta' Francesco Rocco.

Il-parroċċa preżenti hija tas-seklu dsatax u saret fuq pjanta ta' Dun Ġużepp Diacono li tant ta sehemu fl-iżvilupp soċjali tal-gżira. It-titular, li hu ta' Giuseppe Calì, juri lil San Ġużepp. Għax dan hu raħal b'dedikazzjoni doppja. Dil-pittura nkurunata ntweriet fuq żewġ bolli Maltin fl-1971. Ta' min jinnota li, minkejja li l-kuruna nsterqet, il-Qalin għamlulu oħra! Il-vara mdehbija nġiebet minn Marsilja fi tmiem is-seklu dsatax, l-istess bħal dik tas-Santwarju.

Bosta huma l-eżempji ta' wirt artistiku u storiku li jolqtuna. Nibda bil-fonti tal-Magħmudija, minqux mill-barriera ta' Ħondoq. Infatti, il-blat tal-Qala ntuża għal lista sħiħa ta' monumenti u binjiet, fosthom, il-Parlament il-ġdid li hemm fil-bidu tal-Belt Valletta. Intuża anki barra minn Malta, pereżempju, fil-Katidral ta' Kristu Re, ġewwa Liverpool. U nkompli bl-episodji mill-ħajja tal-Patrun tal-Knisja Universali mal-apside, frott il-pinzell ta' Gianni Vella f'nofs is-seklu għoxrin.

Tieħu l-impressjoni li jsiru festi, liturġiċi u ċivili, matul is-sena kollha. Għax, barra l-Kunċizzjoni f'Diċembru u San Ġużepp f'Marzu (u, speċjalment, f'Awwissu) il-kalendarju jagħti prominenza, fost l-oħrajn, lid-Duluri, lill-Madonna tar-Rużarju u lill-Qalb ta' Ġesù. Jidhirli li hu ta' interess partikulari il-kwadru Marjan, Salus Infirmorum, (Saħħa tal-Morda) u żgur jgħoddu l-eluf dawk li resqu lejh bid-devozzjoni u bit-tama.

Intemm l-aspett reliġjuż billi nirreferi għal żewġ persunaġġi ekklesjastiċi li twieldu f'dan ir-raħal. Il-Monsinjur Mikiel Buttigieg (1793-1866) inħatar l-ewwel Isqof tad-Djoċesi separata ta' Għawdex fl-1864. L-Eminenza tiegħu, il-Kardinal Mario Grech, twieled fl-1957, sar l-Ordinarju ta' din id-Djoċesi żgħira u, illum, huwa stabbli fil-medja minħabba l-pożizzjoni tiegħu fis-Santa Sede. Insemmi żewġ Qalin oħrajn; it-tnejn jisimhom Anton Buttigieg. Għandna l-poeta u politiku (1912-83) li serva bħala t-tieni President ta' Malta, u lill-istoriku u edukatur (1910-98).

Peress li l-ispazju hu dak li hu, insemmi tlieta biss fost l-inħawi li jagħmlu ma' dan ir-raħal. Nibda bil-Batterija tal-Qala (jew ukoll ta' Sant' Antnin) mibnija bħala parti mid-difiża tal-kosta mill-Gran Mastru Vilhena (li kien jismu Antonio) fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Mibnija fuq il-promontorju ta' Ras il-Qala, kellha l-mira tagħha tħares lejn il-grigal, b'mod partikulari, in-naħa ta' Kemmuna li, warajha, kienu jinħbew u jistkennu l-bastimenti. Minn żminijiet iktar imbiegħda, nistgħu ninnotaw il-Ħaġra l-Wieqfa (jew Menħir) qrib l-Istitut tal-Istudji Turistiċi li kien fost l-ewwel proġetti li saru b'fondi Ewropej. F'nofs is-seklu dsatax, il-familja Camilleri bnew mitħna fit-trufijiet (lejn in-Nadur) magħrufa bħala Ta' Sufa.



Ovvjament, fadal ħafna aktar li nista' nżid imma dak inħallih għal darb' oħra.

# Spjunaġġ professjonali

***Rakkont ta' Anthony Said mill-Furjana***



Għal ftit aktar minn siegħa, Brian Pizzuto tħalla miżmum f'kamra żgħira fl-uffiċini ta' *Ferreria Consultants Limited*. Diġà kellu pjan kif ser jaħrab imma għamel tabirruħu li kien qata' qalbu u, għalhekk, kien ippreparat sew għal dak li kien ġej. Sadattant, qagħad jiftakar kif spiċċa priġunier tas-Sur Eman Gerada u l-Kumpanija *Ferreria*.

Kien il-Ħamis filgħodu meta Brian wasal lura Malta minn Praga, fejn kellu laqgħa importanti ma' aġent ta' kumpanija li kienu klijenti tad-ditta ta' konsulenti fejn kien jaħdem hu. L-aġent tah *pendrive* b'tagħrif konfidenzjali jaħraq dwar il-Kumpanija *Ferreria Consultants*. B'dak it-tagħrif, id-ditta li kien jaħdem għaliha, *Carlini Business Group*, rival kbir ta' *Ferreria*, kellha biżżejjed provi biex tħarrek lir-rivali tagħha fuq serq ta' informazzjoni u metodi sovversivi biex tisraq il-klijenti. Imma *Ferreria* wkoll kellhom l-aġenti tagħhom li ndunaw x'kien qed jagħmel Brian. Kif wasal Malta, ħatfuh fil-parkeġġ tal-ajruport stess u ħaduh fl-uffiċċini tagħhom.

"Sur Pizzuto, taqlalna ħafna inkwiet int," qallu Eman Gerada b'ton sarkastiku. Lil Brian, tefgħuh bilqiegħda fuq sufan fil-*foyer* imdawwar minn ħamest irġiel kollha b'għajnejhom fuqu qishom isqra.

"Nista' nkun naf għalfejn ħtaftuni u ġibtuni hawn?" staqsa Brian, aktar biex jirbaħ il-ħin milli għal xi ħaġa oħra. Kien jaf li ma kien ser iqarraq b'ħadd. "Għadni bil-*jetlag* u nippreferi mmur norqod raqda milli qiegħed hawn."

"Taf sewwa għalfejn, Sur Pizzuto," qallu Eman waqt li tah ħarsa xejn sabiħa. "Aħna mhux lilek irridu imma t-tagħrif li ġibt miegħek."

"Din tridu?" staqsa Brian waqt li għolla *pendrive* bejn subajh.

"Dik diġà rajniha Sur Pizzuto; dik vojta, ma fiha xejn." wieġbu d-Direttur ta' *Ferreria*. "Ippruvajt tqarraq bina imma ma rnexxielekx! Issa, fejn hija t-tajba, dik li tak ċertu Jan Rublič, eżattament, seba' siegħat ilu?"

'Kif kienu jafu dan kollu?' ħaseb Brian. Bilfors li kellhom spiji ma' kullimkien!

"Ma nafx x'int tgħid, Sur Gerada," qal Brian, b'ton serju għall-aħħar. "Din l-unika *pendrive* li għandi."

"Jidher li s-Sur Pizzuto ma jridx jikkoopera!" qal Gerada. "Mela sakkruh fil-kamra ta' ġewwa forsi jiċċara ftit moħħu u jiftakar fejn għamel l-oħra. Din mgħandix bżonnha, ħa!"

Gerada waddablu l-*pendrive* il-vojta u, minnufih, tlitt irġiel ta' *Ferreria* qabduh bejniethom u, litteralment, kaxkruh għal ġo kamra mingħajr twieqi u sakkru l-bieb. Għal xi ħin, Brian qagħad bilqiegħda fuq xkaffa. Kienu ħadulu l-mowbajl, il-portafoll u l-arloġġ diġitali. Qabad il-*pendrive* li tah lura s-Sur Gerada u qagħad jistenna.

Ftit aktar minn siegħa wara, sema' l-passi ta' xi ħadd riesaq lejh u lesta ruħu. Instema' l-ħoss ta' ċavetta, il-bieb infetaħ u daħlu żewġt irġiel. Wieħed minnhom dar lejh, Brian għafas il-*pendrive* u, minnha ħareġ duħħan qawwi għal wiċċ dak il-ħajjen. Dan tfixkel u, fil-pront, Brian lagħblu daqqa ġo geddumu. L-ieħor ra x'kien ġara u ħebb għal Brian imma huwa wkoll dabbar daqqa tajba u ż-żewġ aġenti ta' *Ferreria* waqgħu jitmiegħku fl-art. Bla ma qagħad jaħsibha, Brian ħareġ mill-kamra u sakkarhom hemm ġew.

L-uffiċini ta' *Ferreria* kienu qishom labirint u Brian beda miexi bil-mod. Wasal f'kurutur li jagħti għall-*foyer* imma, fit-tarf tiegħu, kien hemm wieħed għassa dahru lejh. Brian resaq lejh bil-mod, taptaplu fuq spalltu u, kif dar, sammar il-ponn, l-ewwel ġo żaqqu imbagħad fil-kozz t'għonqu, u ħallih minxur ukoll. Fil-pront, tfaċċa ġuvnott ieħor li ħebb għalih imma, wara ġlieda qasira, il-ġuvnott ukoll spiċċa megħlub. Brian kien ser jiġri lejn il-*lift* imma, quddiemu, ra aġent ieħor iħarislu bl-ikraħ li għamel għalih u fajjarlu daqqa bil-ponn imma Brian kien pront żgiċċalu u, minflok ma' wiċċ Brian, idu ħabtet bis-saħħa mal-ħajt! L-aġent beda jgħajjat bl-uġigħ u Brian qatagħlu l-miżerja b'daqqa fil-kozz t'għonqu. Wieħed, wieħed, l-aġenti ta' *Ferreria* kollha spiċċaw minxurin fl-art!

"Prosit, Sur Pizzuto kemm tiddefendi ruħek tajjeb!" qallu Gerada hekk kif dan wasal fil-*foyer* iżomm pistola li kienet immirata lejn Brian waqt li ta ħarsa ta' stmerrija lejn l-irġiel tiegħu kollha minxurin mal-art. "Issa, jew ittini dik il-*pendrive* jew inbattal dil-pistola kollha fuqek. Għadek ma tafx x'sodisfazzjon ittini jekk inkun kostrett li nagħmel hekk!"

"Mela issa ser jitkellmu l-armi?" qallu Brian waqt li żamm id-distanza bejnu u bejn id-Direttur. "Kemm hi għal qalbek dik il-biċċa apparat, Sur Gerada?"

"Taf sew int Pizzuto imma ħalli ngħidlek qabel nibgħatek id-dinja l-oħra!" reġa' Gerada. "Dik fiha l-informazzjoni kollha li tridu intom ta' *Carlini* biex tkissru l-kumpanija tagħna. Tifhem int li aħna ma nistgħux inħallukom tagħmlu hekk. Jekk niġu f'dan, huwa aħna li rridu nkissru lilkom, mhux il-kontra. Mhux hekk, Pizzuto?"

"Jiġifieri din ma tridhiex?" staqsieh Brian, hekk kif tawwal idu bil-*pendrive* il-falza.

"Dik żommuha intom, ta' *Carlini*. Jien l-oħra rrid!" għajjat Gerada kollu rabja li, f'daqqa waħda, inbidlet f'sorpriża hekk kif daħna qawwija ħarġet tiġri minnha dritt għal wiċċu. Gerada pprova jevitaha imma ma rnexxilux. Beda jisgħol u l-pistola waqgħetlu minn idu. Brian dar, tar lejn it-taraġ u niżilhom tlieta tlieta sa ma wasal fil-pjan terran. Mingħajr ma tilef iż-żmien iħares lura, Brian ħareġ fit-triq u ġera lejn il-parkeġġ fejn sab raġel qed jistartja l-karozza. Fetaħlu l-bieba, ġibdu 'l barra mill-karozza, daħal fiha hu u saq lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Hemmhekk, *f'safe deposit box*, sab il-*pendrive* li kien tah Jan Rublič fil-post fejn kien ħallieha. Deffisha fil-but u, bl-istess karozza li kien ġie biha, reġa' saq *gas down* lejn l-uffiċju tal-Kumpanija tiegħu.

"Prosit Brian, din ser tbiddel ħafna affarijiet!" qallu Gregory Decarlo, id-Direttur Maniġerjali ta' *Carlini Business Group* hekk kif l-aġent newwillu l-*pendrive*. "Nittama li ma kellekx inkwiet biex twassalha s'hawn, hux? Għax domt ftit ma ġejt!"

"Lanqas xejn, Sur Decarlo," wieġeb Brian bi tbissima, "weħilt ftit fit-traffiku biss; dak kollox!"

# Il-qalb bla kliem titkellem

*Novella ta' Lina Brockdorff*

Tektika mgħaġġla tal-bakketta tas-surmast fuq il-leġiju waqqfet ħesrem lilna tal-orkestra kif ukoll lill-ballerini. Konna fl-aħħar prova għall-operetta li kellha tibda l-għada. Stennejtha l-ħasla ġejja; le, mhux għalija imma għal sieħbi li, bħali jdoqq il-vjolin. Kulma qallu s-surmast kienu biss tliet kelmiet: "Moħħok hemm Stefano!" Kieku jien, kont indub u ma nidhirx aktar; regħext minfloku. Meta ser irabbi l-għaqal? Stajt nimmaġina fejn kien moħħu dak il-ħin.

Stefano u jien noqogħdu qrib xulxin, trabbejna flimkien imma, bejn il-karattru tiegħu u tiegħi, hemm baħar jaqsam. Hu dejjem żgur minnu nnifsu, qatt ma jaf x'jiġifieri tkun timidu, bħali, li nippreferi nżomm ħalqi magħluq, nibża' li ngħid xi ħmerija; hu kburi bl-għadd ta' akkwisti li jagħmel mat-tfajliet waqt li jien nistqarr li, għalkemm nixtieq nibda relazzjoni serja ma' tfajla, dejjem nibqa' lura. Però, jien u hu dejjem ħbieb, u nafdaw f'xulxin.

Dan l-aħħar, Stefano tgħarras lil Monique, għalliema żagħżugħa, ċajtiera kemm tridha u, fl-istess ħin, mhix tfajla mtajra. Imma hu xorta baqa' bid-drawwa li kellu qabel sar jafha. Din hija speċi ta' ċajta bejnietna, hu jsejħilha mħatra imma mhix mħatra għax jien la qatt ħadt sehem fiha u lanqas hemm xi flus fin-nofs. Meta ndoqqu fit-teatru waqt xi rappreżentazzjoni ta' *ballet* jew operetta, erħilu jgħidli: "Imħatra li, meta nispiċċaw, noħroġ magħha!" Ikun qed jirreferi għal xi waħda mill-ballerini jew għall-kantanta li tkun ħadet sehem. Jien kont nimmuta imma, biex ma niksrux, ġieli weġibtu li, dik id-darba, żgur li ma jaqtax xewqtu.

Tista' tgħid dejjem irnexxielu.

Dan l-aħħar, kont ngħidlu xi nofs ta' kelma biex infakkru li kien tgħarras. Kulma jwieġeb kien: "U b'daqshekk … billi mmur noffrilha kafè jew *whiskey*, x'ser jiġri? X'qed nagħmel ħażin? Fejn sejjer b'moħħok?"

L-istess ġara dakinhar, wara l-prova, u l-għada, wara l-operetta, ħlief li, il-pitgħada filgħodu, ċempilli b'eċitament kbir fuqu. Qalli li kellu aħbar tajba. "Taf kemm ili nixtieq nitla' Milan biex niċċekkja dwar il-Konservatorju, forsi mmur inkompli nistudja hemm? Aqta' x'ġara? Gabriella, iż-żeffiena li ħriġt magħha lbieraħ, qaltli li, meta jmorru lura





l-Italja, hi jispiċċalha l-kuntratt mal-kumpanija u biħsiebha tieħu vaganza ta' ftit ġimgħat. Ma temminx x'ser ngħidlek … toqgħod Milan, qrib tal-Konservatorju. Għandhom dar kbira u stednitni mmur għandhom. Tħajjart immur! Fejn se nsib opportunità bħal din?"

"Int bis-serjetà qed titkellem Stef? Taf x'qed tgħid?"

"M'għandix problemi. Tad-dar ilhom iħajruni mmur; ili naħsibha. Monique ukoll taf li nofsni mħajjar; b'daqshekk?"

"Jiġifieri, int deċiż li tmur?"

"U żgur! Ma tarax li mhux ser nitlef okkażjoni bħal din. Nitlaq nhar it-Tnejn."

"Kemm biħsiebek iddum?"

"Qed nikkalkula li ndum xi tliet ġimgħat imma, jekk nara li jkun jaqbilli, indum iktar."

"Jiġifieri li lanqas tkun hawn għall-Għid."

"Inti taħseb li l-Għid huwa aktar importanti mill-karriera tiegħi? Sadattant, ser nitolbok pjaċir … Monique taf fejn sejjer u għandha l-indirizz, imma 'l Gabriella ma semmejtilhiex, li ma tmurx iddaħħal xi fellus ġo moħħha. Qed ngħidlek dan biex, jekk tkellimha, toqgħod ftit attent."

"Kollox sew; fuq kollox, qatt ma ndħalt bejnek u bejn it-tfajliet li jkollok."

"Ftakar li din mhix sempliċi tfajla, imma l-għarusa tiegħi …"

"Għalhekk imissek tibża' għaliha aktar; tfajla bħal dik!"

"U ajma! Tibdiex … qisek xi nannu, kif titkellem. Jekk ma ngawdix ftit qabel niżżewweġ, meta se ngawdi?"

Miegħu qatt ma kelli tama nirbaħ argument; hekk magħmul Stefano, ladarba jfassal pjan, ma jirnexxilix nipperswadih jibdlu.

Konna f'nofs Marzu. Ma kelli ebda intenzjoni nċempel lil Monique; ħsibt li jkun aħjar jekk nevita l-paroli magħha, li ma jmurx jiftlilha tistaqsini xi ħaġa u ninqabad li qed naħbi jew ngħawweġ il-verità. Għaddew ħmistax u ċemplitli hi; instemgħet ferħana. Qaltli li biħsiebha tagħti sorpriża lil Stefano, titla' Milan u jqattgħu l-Għid flimkien. Xtratlu ġakketta ħoxna billi qalilha li kesħa kbira. Staqsietni jekk nixtieqx ngħidlu xi ħaġa … taf li soltu nagħtu xi rigal ċkejken lil xulxin. Immutajt! Ma kellix moħħ ir-rigali dak il-ħin; kont qed naħseb jekk dik is-sorpriża tagħmilx sens jew le. Ippruvajt ngħidilha li hemm maltemp kbir, li hu dalwaqt jiġi lura … Insomma, mill-banda l-oħra, lanqas ma ridtha tinduna li kelli xi skop ulterjuri. Meta rajt li ma kont ser nasal imkien, xtaqtilha l-vjaġġ it-tajjeb u tlabtha tixtrili xalpa tas-suf li tkun taqbel mal-ġakketta li xtratlu hi.

Minn dak il-ħin, ma waqaftx inħammem fuqhom. Ma kinitx telefonata. Filli kont qed nisma' *CD* tal-*Messiah* ta' Handel, u filli spiċċajt f'burdata ta' nervi. Dejjem hekk tispiċċa l-istorja: Stefano jgħaffeġ u jħawwad u jien ninkwieta. Imma tgħid kont fid-dmir nibgħatlu messaġġ dwar din is-sorpriża? Għall-ewwel, l-idea għoġbitni imma, wara li qgħadt niżen sew, ġie xi jgħidli li kien hemm raġunijiet li, minħabba fihom, ma kellix nindaħal. Ibda biex kont ser inħassar is-sorpriża ta' Monique wara li fdat kollox miegħi; mhix ħaġa xierqa. Kien hemm ukoll l-argument jekk kellix nindaħal fir-relazzjoni ta' bejniethom; barra mill-fatt li kien wasal iż-żmien li Stefano jimmatura, jitgħallem jerfa' r-risponsabbiltà ta' għemilu. Kont żgur li l-Għid, il-festa tant għal qalbi, fejn nieħu sehem mal-orkestra u l-kor tal-parroċċa fil-liturġija kollha, diġà kien tilef il-gost kollu. Monique telqet it-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-lejla ta' Ħamis ix-Xirka kien maltemp qawwi. Ix-xita kienet ilha nieżla jumejn, *addio* s-Seba' Visti; min kien ser joħroġ f'dak it-temp? Wara x-xogħol, bqajt id-dar, nipprattika l-vjolin; kont biħsiebi nidħol għall-irdoss tas-sodda kemm jista' jkun kmieni, mhux għax kont għajjien imma aktar biex nixgħel ir-radju, naqra l-gazzetta u, b'hekk, ma nismax aktar dak il-ħoss tax-xita. Soltu, iċ-ċaqċieq tax-xita tant kont insibu wenniesi imma jkolli nammetti li l-burdata tiegħi kienet waħda stramba dawk il-jiem.

Saru d-disgħa u tlaqt il-vjolin minn idejja. Kulma kien jonqosni kien li niekol bukkun u nkun lest għas-sodda. F'dik il-ħemda, indunajt li x-xita kienet waqfet! Ħadt nifs qawwi ta' sodisfazzjon. Il-mużika sabiħa imma l-kwiet fih is-seher tiegħu wkoll li ftit li xejn napprezza ħlief meta nkun qed indoqq u jkolli mumenti ta' waqfiet importanti. Kont qed nitgħaxxaq f'dik il-meditazzjoni tas-silenzju meta nisma' l-qanpiena tal-bieb ta' barra. Ma kellu jiġi ħadd! Mort niftaħ. Bqajt miblugħ! Quddiemi kien hemm Monique, b'inċirata mxarrba għasra. Kieku deherli fatat, ma kontx ninħasad daqshekk. Mill-bixra tagħha, stajt ninduna x'ġara. Daħħaltha fis-salott u għentha tneħħi l-inċirata. Kienet qed tirtogħod. Għamiltilha sinjal biex tpoġġi fuq pultruna qrib ta' fuklar li kien ilu jsaħħan il-kamra. Konna għadna m'għidniex kelma. Dak il-ħin, ħassejt konflitt ta' emozzjonijiet qawwija, waħda eqlel mill-oħra u, sakemm insikket il-maltemp ta' ġewwa fija, għidtilha li kont sejjer fil-kċina nlestilha ponċ sħun. Skuża tajba imma, fl-istess ħin, veru kellha bzonnu. Għamilt wieħed għalija wkoll; x'aktarx li kont neħtieġu daqsha.

Xtaqt indum kemm nista' biex ma jkollix niffaċjaha; bsart biex kienet ser tiftaħ qalbha miegħi … miegħi, li tant jien mistħi, li rari sibna ruħna t-tnejn waħedna mingħajr Stefano, li ma nafx kif inġib ruħi mat-tfajliet u issa kelli nsib ruħi f'din il-bawxata. Lura fis-salott, newwiltilha l-ponċ u poġġejt bilqiegħda fuq il-pultruna ta' quddiemha. Tant kont inkwetat għaliha li qalbi bdiet tħabbat bil-goff! Tgħid kienet tidher minn fuq il-*pullover*?

Bqajna hekk, bla kliem, fis-skiet miksur biss bil-ħsejjes li bdejna nagħmlu nippruvaw insoffu ftit mill-ponċ jaħraq. Mill-bqija, ħoss ta' xejn iktar. Wara ftit minuti, fetħet fommha. Kulma qaltli kien: "Spiċċa kollox!" Kif lissnet dawk iż-żewġ kelmiet, infexxet tolfoq. Ma ridtx inħares lejha; għajnejja baqgħu msammrin fuq it-tazza kważi vojta. Ħassejtni qed nonqos mill-manjieri tajba. Meta xi ħadd ikellmek, suppost li tħares lejh u tgħidlu xi ħaġ' oħra. Wara ftit, rabbejt il-kuraġġ, għollejt ħarsti lejha … lejn għajnejha. Dak il-ħin, it-taqlib ta' ġo fija ħassejtu jrid jisplodi imma, bil-mod il-mod, beda jonqos.



Erġajt mort fil-kċina. Ħejjejt żewġ ponċijiet oħra. Damet hemm siegħa mingħajr ma għidna xejn aktar ħlief li, hi u ħierġa, irringrazzjatni talli lqajtha, talli qgħadt nismagħha u, kif qaltli hekk, rajt tbissima fuq xuftejha! Irrealizzat li ma tantx ħaditli rasi bil-paroli imma xorta fhimna 'l xulxin. Il-qalb bla kliem titkellem! Kultant tixxotta demgħa!

Ma nafx x'fettilli imma offrejtilha biex, f'Ħadd il-Għid, tiġi tiekol mal-familja tiegħi u, wara, noħorġu dawra. Baqgħet titbissem u aċċettat. Għall-inqas, ma kienx ġej Għid ħażin għalkollox. Il-maltemp kien għadda; kemm dak tal-elementi u, iktar u iktar, dak ta' ġo qalbi. Illum, Monique hija l-mara tiegħi!



# Jien u Carmen tal-faċċata

***Kitba ta' Carmen Dimech***

Jien u Carmen, li kienet toqgħod faċċata tiegħi meta kont għadni noqgħod fejn tal-Anġli, mhux biss kien jisimna l-istess imma t-tnejn m'aħniex minn Ħaż Żebbuġ għax jien mill-Belt filwaqt li hi mir-Rabat. Barra minn hekk, it-tnejn konna mkaxkrin lejn Ħaż Żebbuġ mill-maħbubin tagħna u għax, fejn tħobb il-qalb, jimxu r-riġlejn, aċċettajna. Konna kważi tampar xulxin, miżżewġin friski u t-tnejn kellna tlitt itfal għax, ħaġa tal-għaġeb, meta kienet tinqabad tqila hi, wara ftit, kont inkun jien u konna nispiċċaw fi speċi ta' tellieqa min ser jeħles l-ewwel.

Salvu, ir-raġel tiegħi, kellu l-*workshop* mad-dar filwaqt li r-raġel tagħha, Lino, kien jaħdem mal-fabbrika tas-sigaretti. Konna naqblu f'ħafna affarijiet u t-tnejn konna nħobbu l-ħjata. Konna ninġiebu ħafna u spiss konna nfittxu lil xulxin, daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra.

Triq il-Madonna tal-Anġli, fejn konna noqgħodu, mhix waħda ta' xi erba' karreġġati . Tant hi dejqa li, meta tgħaddi karozza, is-sewwieq irid isuq bil-galbu u, jekk ikun hemm xi ħadd fit-triq, ikun jeħtieġlu jersaq mal-ġenb u jitħaxken mal-ħajt biex ma jolqtux. Daqshekk hija dejqa Triq il-Madonna tal-Anġli! Infatti, iktar tista' ssejħilha sqaq milli triq! U, allura, mhux ħaġa tal-għaġeb li jien kont inkun naf x'inhi ssajjar Carmen tal-faċċata għax, jekk tagħmel il-patata l-forn, ir-riħa toħroġ mit-tieqa tagħha, taqsam l-isqaq u tibqa' dieħla dritt għandi. Darba fost l-oħrajn, xammejt riħa tfuħ imma mhux ta' ikel; riħa ta' ħelu u jien, għall-ħelu, taqagħli żaqqi! Minn tieqa għall-oħra għajjattilha u staqsejtha x'qed issajjar. Qaltli li sabet riċetta tal-koreżimal u tħajret tippruvaha. Imbagħad, kompliet, "Imma, tikkonfondix għax, kif ikunu lesti, inġiblek waħda, li ma tmurx tkun tqila u nagħmillek il-ħsara!"

Filwaqt li tbissimt, għidtilha biex ma tistedinx il-bard f'Jannar. Irringrazzjajtha u għidtilha li tiela nixtri mill-pjazza. Għadda ftit tal-ħin mhux ħażin u, meta ġejt lura, dħalt id-dar mill-bieb tal-*workshop*. Hemm, rajt lir-raġel u lil ħija Franky, li spiss kien jiġi jgħin lil Salvu, mifqugħin bid-daħq. Naturalment, ridt naf biex qed jidħqu u ħija qalli: "Għax Carmen tal-faċċata ġabitilna biċċa koreżimal!" U d-daħq aktar żdied bil-qalb.

"Nittama li ma kiltuhiex kollha u ma ħallejtulix gidma!" għidtilhom.

Iktar daħqu! "Gidma?" qalli ħija; "Dik lanqas *jack-hammer* ma jigdimha! Lanqas biss doqniha!" kompla jgħid waqt li beda jħabbat bil-koreżimal fuq biċċa njama.

Dak il-ħin, fil-bieb tfaċċat Carmen. Rat lil ħija jikkummiedja, ratna nidħqu u ratna wkoll nissummaw xħin indunajna biha. "Naf," qalet ħamra nar u titbissem fl-istess ħin, "Ġewni ftit ibsin, hux?"

"Ftit?" ħatafha ħija li xejn ma jimbarazzah. "Ara din l-injama kif ġibtha bid-daqqiet!" U dħaqna fuq li dħaqna dakinhar! Li ma kinitx taf Carmen hu li l-koreżimal ma jridux ħafna nar. Trid toħroġhom mill-forn meta jkunu għadhom ftit rotob. Imbagħad, meta jibirdu, jixxuttaw. Imma Carmen ħalliethom fil-forn sa ma ħmaru sew.

Darb' oħra kien għall-ħabta ta' Novembru, żmien San Martin, il-ġewż, il-qastan u t-tin. Billi naf kemm Salvu kien iħobb l-imbuljuta, xtaqt nagħmilhielu u nagħtih sorpriża. Xtrajt il-qastan imma ma kontx naf kif nagħmilha. Ma ġara xejn! Mhux problema! Sqaq biss 'il bogħod kien hemm l-għajnuna. Mort għand Carmen tal-faċċata u staqsejt lilha. "Ma tridx għerf!" qaltli. "Xarrab il-qastan mill-jum ta' qabel u, l-għada, ħallieh jagħli ġo borma flimkien mal-ilma, zokkor kemm tiggosta, daqsxejn kokkotina, qoxra ta' mandolina, bastun tal-kannella u ftit taċċi!"

Bqajt inħares lejha! "Int bis-serjetà?" għidtilha.

"Dażgur li bis-serjetà." weġbitni.

"Imma t-taċċi, ngħid jien!"

"Int għamilhom," reġgħet qaltli, "u tara kemm jagħmlu togħma tajba!"

"Mela noqgħod fuqek," għidtlha, għalkemm mhux konvinta.

U hekk għamilt. Xarrabt il-qastan minn filgħaxija, saffejtu, xħittu ġo borma nofsha bl-ilma, tfajt erba' mgħaref zokkor, żewġt imgħaref imburġati kokkotina, il-qoxra ta' mandolina u biċċa bastun tal-kannella. Kien jonqos biss it-taċċi. Dħalt fil-*workshop*. Salvu kien aljenat jitkellem ma' xi ħadd fil-bieb tal-ħanut. Sibt il-vażett tat-taċċi, niżżilt ftit fil-pala ta' jdejja u erġajt poġġejt il-vażett fejn kien. Lura fil-kċina, ħsilt ħasla t-taċċi u tfajthom fil-borma b'nofs qalb imma b'fiduċja għamja fil-ħiliet kulinarji infiniti ta' Carmen tal-faċċata. Xgħelt il-*cooker* u l-imbuljuta ma damitx wisq biex tiftaħ tagħli u tarma trejjaħ. Baxxejtilha n-nar u ħallejtha ttektek.

Salvu xammha u bilkemm ħallieha ssir sew u tibred daqsxejn li ma daħħalx il-kuċċarun fil-borma u kien ser jibda jiekol. "Stenna ftit!," ħtaftu. "Mhux aħjar inneħħu t-taċċi l-ewwel, li ma tmurx tibla xi wieħed?"

"Uuu," qalli; "it-taċċi mhux irtabu; dak il-ħin kollu fuq in-nar!"

"Jirtab il-ħadid?" staqsejtu mgħaġġba.

"X'ħadid hu?" reġa' qalli r-raġel.

"It-taċċi tal-ħadid li ħadtlek mill-vażett," irrispondejtu.

"Jaqaw għalhekk dħalt il-*workshop* inkiss inkiss dalgħodu?" reġa' hu.

"Għax Carmen tal-faċċata qaltli li, fl-imbuljuta, jitfgħu it-taċċi, għax tant jagħmlu togħma tajba!" għidtlu.

"Imma dik imsiemer tal-qronfol riedet tfisser," tbissem Salvu; "u mela taċċi tal-qrieq!"

Instramt u lanqas kont naf x'naqbad ngħid imma, wara ftit, għidtlu, kważi nibki: "Imma jien fejn tridni nkun naf li, bir-Rabti u biż-Żebbuġi, l-imsiemer tal-qronfol tgħidulhom taċċi?"

Tgħidx kemm daħqet Carmen tal-faċċata meta qed ngħidilha! U, biex tkompli titfa' aktar melħ fil-ferita, qaltli b'leħen għoli: "Taf li stajt qtiltu, miskin?"
"U kien ikun tort tiegħek," għidtlha, "għax int għidtli biex inwaddab it-taċċi!"

Ngħidilkom tal-aħħar u daqshekk għax jien, meta nibda nirrakonta, ma nabbastax nieqaf. Kienet qorbot il-festa ta' San Filep u, biex nagħmilha tal-*hero*, stedint lil ommi u lil ħuti kollha għall-ikel. Iddeċidejt li, dakinhar, nagħmel *dish* kbir imqarrun il-forn u, b'hekk, nitma lil kulħadd. Imma xi taħwida dejjem irrid nagħmel, inkella ma nkunx jien! Kollox kont ippreparajt imma, meta bdejt ngħodd kemm ser ikolli nies għall-ikel, irrealizzajt li ma kellix imqarrun biżżejjed. Bħas-soltu, is-*salvauomo* tiegħi kienet Carmen tal-faċċata. Tektiktilha mal-antiporta u qaltli biex nibqa' dieħla. Sibtha mehdija taħdem fuq il-magna tal-ħjata filwaqt li ċ-ċkejken tagħha, Mario, kien qed jilgħab ħdejha b'landa mimlija buttuni kkuluriti. Iggustajtu! Kellu xagħru isfar kollu nokkli twal. Kien qisu Bambin! Biex ma ntawwalx, għidtilha x'għandi bżonn u staqsejtha jekk għandhiex tisperjali xi ftit imqarrun. Qaltli: "Kumbinazzjoni lbieraħ xtrajt u, biex infittex inkompli nħit, lanqas għadni erfajtu. Hemm arah; għadu fil-baskett warajja. Tista' tieħdu kollu għax jien patata l-forn bil-majjal sajjart."

Sadattant, il-borma kienet fetħet tagħli. Waddabt l-għaġin li kelli jien u, wara, qbadt l-imqarrun li tatni Carmen u xħittu dritt minn ġol-basket għal ġol-borma. Lanqas ilħaqt waddabtu li ma lmaħtx għadd ta' buttuni kkuluriti jgħumu fil-misħun mal-għaġin. Żgur Mario tefagħhom hemm, meta kien qed jilgħab! X'ser naqbad nagħmel? Inġibhom dak il-ħin ma stajtx għax il-misħun kien qed ibaqbaq ġmielu. Inħalli l-għaġin isir, inneħħihom meta nsaffih u ma nitkellem xejn. U hekk għamilt.

Għall-ħabta tal-ħdax, bdew ġejjin ħuti u, ma' xi ħadd minnhom, waslet ommi wkoll. L-imqarrun kien fil-forn u r-riħa tiegħu mliet id-dar kollha donnu kien qed jiftaħar bih innifsu kemm ġie tajjeb. Tajthom x'jixorbu u, meta wiċċ l-imqarrun tbaskat, ħriġtu mill-forn u bdejt inqassmu fil-platti. Imma, kif bdew jieklu, bdejt narahom iħarsu lejn xulxin u jitbissmu. "Żgur żgiċċatli xi waħda u ma rajthiex!" ħsibt bejni u bejn ruħi.

Kulħadd jaf li ħija Franky m'għandux ħajta f'ilsienu. Bħas-soltu, biex ma jurix li qed jitmellaħ, għamel wiċċ serju u qalli: "Proset oħt! Tassew ġiek tajjeb l-imqarrun! Taf li l-mara qatt ma tagħmilhuli hekk, bil-buttuni kkuluriti u bil-krieket tal-purtieri? Din mhix avventuruża bħalek; ma tħobbx tvarja; dejjem l-istess!"
"Mela buttuna kienet!" għajjat ħija ż-żgħir. "Jien ħsibtha mqarruna mqarqċa u kiltha!"
"Li ma joqtolx, isemmen!" daħaqha Salvu.

Insomma, farsa sħiħa! F'daqqa waħda, kulħadd ineħħi xi buttuna mill-platt. Għidtilhom biex li jsibu jerfgħuhomli ħa naħsilhom u nerġa' nagħtihom lil Carmen tal-faċċata, għax taf ikollha bżonnhom. Imma, nassigurakom li l-għaġin kollu ttiekel dakinhar.

Illum, Salvu m'għadux aktar magħna. Imma fil-Ġenna, fejn qiegħed, min jaf kemm jidħaq kull darba li jiftakar fil-koreżimal iebsa ġebel, fit-taċċi fl-imbuljuta u fil-buttuni fl-imqarrun. Carmen tal-faċċata x'aktarx li ma tiftakar xejn minn dan kollu. Hi ftit akbar minni u, illum, qiegħda f'*home* għax, dan l-aħħar, ħakmitha d-dimenzja. Lino jgħaddi siegħat twal maġenbha, jieħu ħsiebha u, bla dubju, jipprova joħolqilha tbissima billi jfakkarha fil-praspar li konna nagħmlu meta konna għadna fl-aħjar tagħna.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sinjura Esther Tonna mill-Belt, Valletta - €30.00
Is-Sur Charles Attard minn tas-Sliema - €25.00
Is-Sinjura Mary Rose Mangani mill-Mosta - €25.00

# The parents

***A story by Liz Bajada***



A few weeks ago, I was travelling on a bus from Valletta to Cirkewwa to take the Gozo ferry to join some friends there for the weekend. Before the bus left the terminus, a nun, wearing the Dominican habit, slowly walked up the aisle and sat next to me. She was rather short and small and, one would say, in her seventies, but still had a very nice complexion and a beautiful smile. I moved slightly in my seat to make more room for her and smiled back.

Apparently, the smile was good enough to get her chatting. I welcomed her company as she seemed to be a very jovial person and the journey to the boat usually takes about an hour. She introduced herself as Sister Pauline and told me that she had come over to Malta to see her family which comprised ten brothers and sisters together with all their families. Laughing she said, "I know, I know; a very large and rowdy family but, believe me, I wouldn't want it to be any different. I am the second of the lot but, for the past fifty years, I hardly saw them. So now I am enjoying every moment that the Good Lord has given me to make up for all the lost time."

"How come?" I asked. "What kept you away?"

"Well," she replied, "would you like to hear my story? If you get tired with my prattling, just let me know and I will stop. Don't worry, everyone tells me that, once I get started, no one can stop me!" At this, she laughed even more wholeheartedly and tapped my hand very gently.

"On the contrary," I said. "Please go on! I am all ears."

"From a very young age," she began, "I was a very active member in the church community; you know, fund raising, taking children for catechism classes, the lot. I enjoyed meeting friends on Sunday morning and, after mass, we used to go for a stroll down Valletta's main road. I also was their *confidant* and there were many stories that they would tell me and not their parents.

"However, one winter evening, when all my brothers and sisters were in bed, I sat down at the kitchen table with my parents and told them that I had decided to join the Dominican sisters as I wished to go to Congo to work with the children there. For my parents, this was like a bolt from the blue.

"Why the Dominicans?" father asked.

"Why not the Dominicans?" I put in. "Dad, you have always been drawn to this community and always had a special devotion for Saint Dominic! Besides, I know that they have a missionary community in Congo."

"My dear," my mother said solemnly, "this is quite a big decision to take in a hurry. Do you realise that this would mean leaving your family and your country? I think you should give yourself some time to consider what you're going to do!"

"I have been considering this for the last two years," I revealed. "Now, that I'm twenty, I'm sure that it is the right time to make a move."

"I clearly remember the next few minutes as though it were yesterday. With tears in her eyes, my mother turned towards father who gently put his hand over hers and squeezed it. Then, turning his gaze to me, he said softly: "Dear child, although it hurts us badly to be separated from you, we would never dream of stopping you from answering God's call. If you are certain of your vocation, we will support you all the way."

The next day, my father accompanied me to Valletta to speak to the Mother Superior. I was so happy at the convent that the next few years seemed to fly by. On the day I had to take my vows, I was the happiest person on earth for now I could ask to go to Congo to work with the children. But things didn't happen as I had planned. Obviously, His ways are not our ways! When I made my request, Mother Superior gently took my hand and said, "Child, you are too young and you need some experience before you take such a big step. All I can say is that you must pray so that, if it is God's will, you will join our missionary in Congo very soon." I was so disappointed that I ran out of the room and cried.

"But I did as Mother Superior told me and, funnily enough, just as I was about to lose hope, I was summoned to the office of Mother Superior who, with a smile, said; "I have news for you! As you know, next month, four of our sisters are going to Congo to work in our school there. But, unfortunately, one of them has broken her leg and will not be well enough to join the others. It has been decided that you go instead of her!"

"I just could not believe my ears. The next couple of weeks were very busy for me. I felt very sad when I saw the look on my parents' faces when I gave them the news. I think that the worst time of my life was when I said goodbye to my family and saw the pain in my mother's eyes. With

hindsight, I guess she knew that that would be the last time she would ever see me again. In those days, one did not travel as frequently as one does nowadays and I had no way of knowing that it would be another thirty years before I was transferred from Congo to Australia and then another fifteen years before I was to return home.

"The years I spent with the children, both in Congo and Australia, were very rewarding. Obviously, there were the usual ups and downs. However, when you see the happy look on the children's faces when you give them a gentle hug, or a piece of bread, or say a kind word to them, you realise that it is worth all the trouble in the world. Most of these children either never knew their parents or had been made to work hard to earn a few pennies to put food in the mouth of their siblings. It is then that one realises how lucky we are to have had parents who loved and took good care of us."

At this point Sister Pauline paused and looked straight in front of her with tears gleaming in her eyes. "Yes," she softly continued, "I was very lucky indeed to have had such good parents. Although it saddened them that they had to part with one of their children, their great faith gave them the strength to help me answer my call. They led their family by example, instilling in their children their strong faith and love!"

I looked at her and, suddenly, I also realised that I too was a lucky person to have had parents who loved and cherished me. As the bus arrived at Cirkewwa, I put my hand over hers and gave it a gentle squeeze.

---

# Ġakbu u l-Papa

***Ħlejqa modesta ta' Saviour Camilleri mill-Isla***



Ġakbu kellu xewqa waħda f'ħajtu; dik li, xi darba, ikellem u jieħu b'idejn il-Papa. Sforz l-umiltà u s-sempliċità li trabba fiha, kellu ħrara kbira li jwettaqha. Kien bin ir-raħħala u kien minħabba f'hekk li kien jgħodd lilu nnifsu bħala bniedem mill-aktar ordinarju. Għalih, li jwettaq ħaġa bħal din, kienet l-aqwa suċċess li seta' jottjeni f'ħajtu. Ma kienx jara mod ieħor kif seta' jitla' l-iskaluni tal-ħajja u jħossu mqar xi ftit importanti. B'hekk biss, ħaseb, li seta' jilħaq l-iskop ta' ħajtu. Wara kollox, mhux kulħadd kien jirnexxilu jasal ikellem lill-Papa wiċċ imb wiċċ.

Intant, wara li għamel it-tħejjijiet li kien hemm bżonn, sab ruħu Ruma, mhux wisq bogħod mill-Vatikan u, għalhekk, issa kien viċin li l-ħolma tiegħu issir realtà. Qam kmieni, għall-ħabta tal-ħamsa, biex jisma' l-quddiesa tas-sitta li l-Papa stess iqaddes fil-Kappella Sistina. Għaliha, jattendu biss l-ogħla awtoritajiet tal-Knisja Kattolika Rumana fil-Vatikan u xi ħaddiema tal-Vatikan stess li jkollhom permess speċjali. Dwar il-permess, minn hemm jew minn hawn, Ġakbu rnexxielu jirranġa wkoll. U hekk, minn kmieni qabel il-quddiesa, għalkemm xtaq ħafna joqgħod quddiem, Ġakbu sab postu fil-fillieri ta' wara biex ma jidhirx daqstant prużuntuż jew deffiesi. Fis-sitta sewwa, feġġ il-Papa u dritt beda l-quddiesa megħjun miċ-ċermonjieri tiegħu.
Fl-aħħar tal-quddiesa, Ġakbu nduna li l-Papa mar ikellem l-inqas wieħed li kien hemm; raġel imċewlaħ u mżebbel bi ħwejjeġ imraqqgħa u maħmuġin. Bla ħadd ma jaf kif, dan l-imċerċer irnexxielu jidħol u jsib post fuq quddiem. Ħliefu, il-Papa ma kellem lil ħadd iżjed, lanqas lill-istess kardinali u monsinjuri.

Meta ra hekk, Ġakbu ddeċieda li jkellem lil dak l-imċewlaħ għax ħaseb li l-Papa kellmu għax tħassru f'dik il-miżerja tiegħu. Għaldaqstant, mar fuqu u talbu biex ipartat ħwejġu ma' tiegħu u wiegħdu li jagħtih mitt ewro. Dak kien pront neża' u tah ħwejġu.

L-għada, Ġakbu reġa' sab postu, qabel kulħadd, din id-darba, fuq quddiem nett, ħalli l-Papa żgur jarah u jkellmu. Hekk kif spiċċat il-quddies, Ġakbu ra lill-Papa ġej lejh biex ikellmu. Tgħidx kemm ferħet qalbu meta ħaseb li l-ħolma ta' ħajtu, sa fl-aħħar, kienet ser isseħħ tabilħaqq! U l-Papa resaq fuq Ġakbu u qallu: "Ilbieraħ m'għidtlekx jien biex ma terġax tiġi hawn b'dawk il-ħwejjeġ?"

# Il-ħames kuġini u l-vaganzi tas-Sajf

*Kwadrett tas-Sinjura Rita Atanasio, anzjana bħalna*



Is-Sajf rega' wasal, il-vaganzi tal-iskola ġew ukoll u l-ħames kugini, Liam, Ryan, Luca, Isaac u ċ-ċkejken Matthew kellhom żmien mill-isbaħ jestennihom. L-ewwel ġurnata tal-vaganzi għaddewha fl-għalqa taz-ziju Melvin. Kif waslu, l-ewwel kien hemm min qabad jiġbor il-bebbux li ħareġ wara ħalba xita li għamlet jumejn qabel u min beda jaqta' l-kappar. Meta qatgħu ftit kappar mhux ħazin, marru jaqilgħu il-ħaxix niexef, kif qalilhom zijuhom. B'hekk, l-għalqa dehret nadifa u friska. Liam qagħad jgħin lil missieru jagħżaq u l-oħrajn qabdu jilagħbu l-ballun. Iz-zija Debbie, lestitilhom x'jieklu; ħobż bit-tadam, żebbuġ, tonn taż-żejt u kappar. Wara li kielu, qaxxritilhom ftit frott bnin li kienet għadha kif qatgħet mis-siġar tagħhom, xorbu l-luminata u qagħdu jistrieħu ftit.

Darba oħra, il-ħames kuġini kellhom imorru jqattgħu jumejn fl-għalqa taz-ziju Matthew. Għal xi t-tmienja ta' filgħodu, kif waslu l-għalqa, sabu karavan u erba' kampijiet armati. Iz-ziju Matthew kien qed ilesti l-kolazzjon; ħobż mixwi bil-butir, bajd iebes u kafè bil-ħalib għan-neputijiet u għaz-zijiet kollha. In-nanna kienet fuq pultruna għad-dell ta' sigra tal-ħarrub, tieħu pjaċir biż-żiffa. Kienet qed taħdem par kalzetti bil-ganċ għaċ-ċkejken Matthew.

Ftit ftit, bdew jaslu l-familjari l-oħrajn; Liam u Ryan flimkien mal-ġenituri tagħhom, Debbie u Melvin. Ftit tal-ħin wara, waslu wkoll iz-zija Maria u z-ziju Mike, bi wliedhom, Luca u Isaac. Fl-istess ħin, waslu z-zijiet Mildred u George maċ-ċkejken Matthew. Iz-ziju Melvin malajr beda jagħti daqqa t'id liz-ziju Matthew jarmaw id-dawl. Fuq is-siġar, dendlu bozoz ikkuluriti. Hekk kif beda jidlam u x-xemx bdiet nieżla bil-mod, il-bozoz inxtegħlu.

L-atmosfera li jkun hemm tassew issaħħrek. It-tfal aktar xtaqu jilgħabu bil-ballun. Ir-riħa tal-bużbież ma' kull ċaqliqa tal-pjanti tkompli tgħaxxqek. Iz-zija Mildred tpoġġi fuq il-pultruna maġenb in-nanna għall-frisk maż-żgħir tagħha filwaqt li z-zija Maria u z-zija Debbie joqogħdu jippreparaw il-platti fuq il-mejda tawwalija taħt is-siġra tal-ħarrub. Iz-zijiet Mike u George jibdew iqaxxru l-bajtar tax-xewk filwaqt li ż-żewġ zijiet l-oħra, Melvin u Matthew, jieħdu ħsieb jaqtgħu koċċ frott bnin mis-siġar biex jiekluh bħala deżerta wara l-ikel. Ikollhom laħam, fniek u ħut. Ikollhom ukoll inbid tal-għenba u frott kemm trid. Kulħadd jagħti sehmu billi jibdew jixwu l-laħmijiet ġol-forn imdaqqas li hemm fil-ħajt tas-sejjieħ. Dan il-forn kien bnieh in-nannu tagħhom. Huwa mibni b'sengħa tal-għaġeb u attrezzat kif imiss. Tista' taħseb kemm jiġi tajjeb l-ikel meta jissajjar f'dan il-forn!

Kull min jirfes f'din l-għalqa, l-ewwel ma jilmaħ huwa dan il-forn, mibni ġol-ħajt tas-sejjieħ. Iċ-ċumnija bid-duħħan ħiereġ minnha tolqtok tassew. Imma, fuq kollox, l-ikel jiġi veru bnin. Kulħadd jiekol u jixrob bil-qalb. Fl-għalqa, għandhom ukoll dar imdaqqsa tal-injam li kien għamilielhom nannuhom. Barra l-forn li jattirak, hemm din id-dar li wkoll tolqot l-għajn ta' kull min jirfes f'din l-għalqa. Hija mibnija b'sena kbira, bejn żewġ siġriet taż-żebbuġ li z-zokk tagħhom huwa b'saħħtu u jiflaħ sewwa. Dak li kien jagħmel in-nannu, kien jagħmlu darba għal dejjem, għax hekk kien jgħid qaddisu. Imma, liż-żgħar, ma jafdawhomx hemm fuq waħedhom; li ma jmorrux ikorru. Ġieli, meta tkun ix-xita, arahom itellgħu lil Pippa f'din il-kamra. Pippa hija l-kelba ta' Luca u Isaac u magħmula ċkejkna. Trid taraha kemm toqgħod komda titgeddes magħhom f'din id-dar tal-injam. In-nanna tlestilhom xi biċċtejn ħobż biż-żejt, tadam, kappar u żebbuġ u tgħidx kemm jieklu bil-qalb. Wara, tnewlilhom flixkun luminata u huma jqattgħu ftit ħin mhux ħażin ġo dik id-dar fuq is-siġra. Min jintefa' jaqra xi ktieb u min josserva n-naħal, il-friefet u l-għasafar jittajru.

Għandhom ukoll bandla, li kien għamilielhom iz-ziju, imqabbda b'ħabel oħxon minn zokk ta' siġra għal oħra, verament soda. Luca l-għaxqa tiegħu jitbandal u jgħola 'l fuq u jerġa' jinżel 'l isfel qisu riħ. Fuq il-bandla, jogħxa bid-daħk u t-twerżiq li jwerżaq. Ryan iħobb jixxabbat ma' xi zokk u jitla' fl-għoli fuq waħda mis-siġar taż-żebbuġ.

Fix-xahar ta' Ġunju, l-erbgħa u għoxrin, għall-ħabta tal-Ave Maria, jibdew jippreparaw għall-ħuġġieġa ta' San Ġwann u kemm isibu njam u zkuk niexfa jpoġġuhom f'nofs l-għalqa. Iz-ziju Matthew iqabbad in-nar u, ftit ftit, in-nar isir ħuġġieġa waħda. It-tfal jistagħġbu meta jaraw dak in-nar jogħla u jċaqċaq. B'hekk, ikollhom esperjenza ġdida tal-ħġejjeġ ta' San Ġwann. Meta l-ħin isir ġmielu, kulħadd jinġabar lejn daru għajjien imma kuntent wara jum mimli avventuri sbieħ.

Xi għodwa minnhom, imisshom imorru bid-dgħajsa maz-zija Maria u z-ziju Mike, omm u missier Luca u Isaac. Għandhom dgħajsa kbira u, biha, spiss imorru jistagħdu għall-lampuki. Għalihom, din hija avventura mill-isbaħ. Ġieli jagħmlu xi tlitt ijiem fuq il-baħar u jissaħħru bid-dehra ta' nzul ix-xemx wara l-orizzont. Imma jistagħġbu aktar meta z-ziju Mike itella' x-xibka mimlija ħut. Iz-zija Maria ma tonqosx li ssajrilhom ikla lampuki mħawra biz-zalza tal-kappar. U dik il-ħobża Maltija tinżlilhom għasel. Meta jaslu d-dar, ikollhom ħafna x'jirrakkuntaw

lil ommhom u lil missierhom. Imbagħad, jinħaslu, jgħidu r-Rużarju u jorqdu raqda tajba.

Darba oħra, Liam, Ryan, Luca u Isaac imisshom imorru dawra bil-kenura max-xatt ta' Birżebbuġa maz-zija Mildred u maz-ziju George flimkien mal-kugin iż-żgħir, Matthew. Iz-ziju George jħeġġiġhom iġibu magħhom il-qasba tas-sajd u l-kopp biex jgħaddu siegħa żmien jistagħdu u, b'hekk, ma jiddejqux. Iduru dawra sewwa max-xtut ta' Birżebbuġa u ta' Marsaxlokk u josservaw bosta affarijiet ta' interess bħal, ngħidu aħna, it-Torri ta' San Luċjan u l-Fanal ta' Delimara. Liam u Luca jkunu ħerqana jisimgħu liz-ziju George jirrakkontalhom l-istorja dwar it-Torri ta' San Luċjan filwaqt li Ryan u Isaac jehdew jilagħbu maċ-ċkejken Matthew. Meta jaslu lura x-xatt, jinżlu jieklu biċċtejn ħobż biż-żejt, tadam, kappar u żebbuġ li tkun lestitilhom iz-zija Mildred u, għal xi s-sagħtejn, jistrieħu ftit taħt l-umbrella għall-frisk.

Liam, Ryan u Luca jkunu jridu jinżlu jgħumu maz-ziju George imma z-zija Mildred tippreferi toqgħod taqra ktieb waqt li Isaac u ċ-ċkejken Matthew jorqdu raqda taħt l-umbrella għall-frisk. Hekk, fl-istess ħin, iz-zija Mildred tkun tista' tieħu ħsiebhom ukoll. Waranofsinhar, jasal iz-ziju Matthew man-nanna u, kif jarawh, kollha jibdew jgħajtulu biex jilagħbu bil-ballun fil-baħar. Iz-ziju Matthew ma jaħsibhiex darbtejn u, b'ġirja waħda, malajr ikun ħdejhom jilagħbu bil-ballun. Ikunu għajjenin meta jitilgħu mill-baħar imma kulħadd ikun kuntent bl-avventuri li jiltaqgħu magħhom.

---

# Waħda ċips u kapuċċino, *sir*!

***Kitba ta' Karmenu Mallia***

Dħalt f'ristorant u ordnajt waħda ċips u kapuċċino. Kienu xi l-għaxra ta' filgħodu imma l-kafè u s-sandwiċ tas-soltu kont ili mis-sitta li ħadthom.
"Prosit ħej, ġej bis-*sir* dalgħodu," stagħġeb il-wejter.
"Għala le? Ma jixraqlikx?"
"Mhux ma jixraqlix, ħabib, imma, hawn, Malta qegħdin!"
"Għandek mitt elf raġun, wejter, imma daqsi taf, hawn tant nies barranin, tant lingwi!"
"Stajt sejjaħtli ħabib mill-ewwel."
"Prosit, din aħjar mill-oħra dalgħodu, għadu bilkemm sebaħ. Ma kontx naf li int Malti. Ħeqq tuża l-Ingliż biex tkun żgur ... għalkemm ..."
"Dis-*sir*! Taf kif nistħajjilha jien?" kompla l-wejter, "Qisha bħall-qarquċa ta' mnieħer Cyrano de Bergerac, tal-awtur Franċiż, Edmond Rostand."
"Mela taf il-Franċiż ukoll?"
"Mela ma nafx! Mela billi qed naqdi hawnhekk ... ? U mnalla studjajtu! M'iniex xi professur tiegħu taf, imma għenni ħafna biex imxejt fis-sengħa tagħna."
"Allura hawn kif jidħol dan Cy ... x'jismu għedtli?"
"Cyrano, Cyrano de Bergerac, titlu ta' dramm Franċiż. Imma, miskin, dan Cyrano kellu difett f'wiċċu. Kellu l-qarquċa ta' mnieħru ftit minfuħa."
"Imma, għidli ħaġa, Sur Wejter. Dan Cyrano x'għandu x'jaqsam maċ-ċips u l-kapuċċino tiegħi?"
"Għax, minħabba mnieħru, kien joqgħod lura biex jistqarr imħabbtu lit-tfajliet. Kien kemxejn mistħi. Imnieħru kien jitfgħu lura. Fhimtni issa?"
"U ... fhimtek ngħid. Dak kellu mnieħru kbir u jien żaqqi kbira. Mhux kulħadd b'xi difett ħanini? Imma ċ-ċips lili ma jbegħdunix milli nistqarr imħabbti taf. Lil mara ma nistħix nistqarrilha li nħobbha, allavolja taf li żaqqi taqagħli meta ..."
"Tant l-aħjar. Mela int u Cyrano toqogħdu flimkien. Mhux bħal f'xi żmien tat-tijatru, ngħidu aħna, ta' żmien Molière. Dak iż-żmien, l-atturi, meta jmutu, ma kinux jindifnu fiċ-ċimiterju imma barra. Il-Knisja ma kinitx tippermetti għax kienu jgħidu li, min jaħdem fuq il-palk, kien ta' karattru ħażin. Tifhimha int din?"
"U jien naf? Kull żmien għandu d-debbolizzi tiegħu!"
Ir-ristorant kien mimli sa ruħ ommu. Mhux bilfors, nofs il-ġurnata! Dak il-ħin, instema' leħen ta' tenur ikanta. Bilkemm jinstema'. Atmosfera sabiħa! Min jiekol minn hemm, min jixrob minn hawn! U l-kaxxier attent għall-uċuħ u għall-kumplament, insomma.
"Isma'" għidtlu jien. "Din isbaħ; biċċa opra. Dan min hu li qed ikanta?"
"Dak? Tito Gobbi," wieġeb pront pront il-wejter. "Isimgħu, isimgħu! Jien, l-opri jħolluni u l-vuċi ta' Gobbi aktar!"
"U dan x'qed ikanta? Tafha l-istorja?"
"Nafha ngħid. Fuq fuq taf. Lil dat-tenur, dejjem fl-opra, kienu serqulu t-tifla u qed jeħodha mal-ħbieb tal-Prinċep. Isimgħu x'vuċi! Jgħaxxqek! Hawn, Tito Gobbi qed jeħodha ma', anzi, jgħajjar, lil ħbieb tal-Prinċep li ma ridux jgħidulu fejn kienet bintu. U hu beda jgħajjarhom *cortigiani, vil razza dannata* ..."
Imbagħad reġa': "X'vuċi, x'qawwa! Xi sbuħija!"
"Imma, sir, il-kapuċċino ġie u għoddni blajtu, imma ċ-ċips ...? "
"Ċiss, bilħaqq! Jgħidu li n-nisa jpaċpċu! Ara ġej, ħabib."
"Mela hekk, *sir*!"



# TISLIBA Nru.117

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Waqa bis-saħħa; Ntelaq (6)
5. Pajjiż Ewropew (6)
10. ...De Janeiro (3)
12. Kittieb ta' Rumanzi; Novelli (5)
14. Il-mama tiegħek (5)
15. Kamra kbira (4)
16. *Prayer Book* (1.1)
17. Ittra; Ittra u aktar (5)
19. Ġeraraka ta' Knisja Nisranija (5)
22. Rakkontatur (8)
24. *Irish Republican Army* (1.1.1)
25. Għen; Liberu (6)
28. Subborġ il-ġewwa mill-port ta' Marsamxett (5)
31. Ħieles; Liberu (5)
33. Bettija żgħira (7)
35. Ħares lejn persunti! (5)
37. Fi; *Fil-* (2)
38. Bebbux tal-baħar (6)
39. Jista' jkun ukoll wieħed tar-razza (5)

**Weqfin:**

2.Tisfiqa b'ġebel minġur fit-tond (5)
3. Bajrow bl-ingliz (4)
4. Strument tan-nifs b'noti baxxi (7)
6. Mhux qassis izda hu saċerdot (5)
7. Annullat; Mħassar (6)
8. Taqsima; Kamra fi skola (6)
9. Qafel (6)
11. Kelma bl-ingliż li tfisser tifel imqareb (3)
13. Diretturi ta' Kulleġġi/ Universitajiet (7)
18. Sar lewn il-lellux (4)
20. Fastdjuża; Tedjanti; Kiefra (7)
21. Kunjom mhux komuni li hu Grech... (3)
23. Mitluf wara; Aduratur (9)
26. Priġunieri (6)
27. Ħnejjat (6)
29 Marbut bi ftehim; Msieħeb (6)
30. Żagħżugħa; Xebba (6)
32. Isem ta' karrozzi li ssib lokali (3)
34. Kunjom Ġuże .... Mercer (5)
36. Xmara, litwal li hemm ġo l-Afrika (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 116 intrebaħ mis-Sur A. Borg – B'Kara, Prosit!

---

Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 116

**Mimdudin:** 1. misluf, 5. fartas, 10. qam, 12. ruman, 14. aċidu, 15. anna, 16. el, 17. naxra, 19. indri, 22. allegrat, 24. bee, 25. mitqub, 28. alibi, 31. tobba, 33. meditat, 35. nadur, 37. ra, 38. antiki u 39. strat.
**Weqfin:** 2. isħen, 3. luqa, 4. familja, 6. ammen, 7. sultan, 8. kapaċi, 9. krudil, 11. aċe, 13. naxxari, 18. sieq, 20. dbieben, 21. ret, 23. grandukat, 26. bajtra, 27. lemini, 29. intant, 30. stanza, 32 add, 34. truxa, u 36. Uri.





# Pitturi famużi

***Kitba ta' Vincent Piccinino***

**Paul Gauguin 1848 – 1903**

Paul Gauguin kien pittur Post-Impressjonista u esponent importanti kemm tal-Arti Moderna kif ukoll tal-Moviment Simbolistiku. Minbarra li kien pittur, Gauguin kien ukoll skultur, stampatur, ċeramista u kittieb. Kif ġara lil ħafna artisti oħrajn bħalu, Gauguin xejn ma kien apprezzat matul ħajtu imma llum huwa rikonoxxut, kemm għall-użu esperimentali tal-kuluri kif ukoll għall-istil sintetista tiegħu li kien distint minn dak tal-Impressjonisti. Paul Gauguin serva ta' ispirazzjoni kbira għal artisti oħrajn, speċjalment, għal Pablo Picasso u għal Henri Matisse u huwa magħruf ukoll għall-ħbiberija li kellu ma' Vincent van Gogh. Ironikament, Paul Gauguin, li għex ħajja mqallba mhux ħażin, twieled fis-sena 1848; sena li baqgħet meqjusa bħala s-sena tar-rivoluzzjonijiet.



F'ċertu sens, wieħed jista' jgħid li Gauguin kien raġel tad-dinja. Għalkemm twieled f'Pariġi fis-7 ta' Ġunju 1848, l-ewwel sitt snin ta' ħajtu għaddihom flimkien mal-familja tiegħu ġewwa l-Perù; esperjenza li ħalliet impressjoni li ma titħassarx fil-memorja tiegħu. Wara, familtu marret lura Franza u, ta' sbatax-il sena, Paul daħal fin-*Navy* Franċiża fejn, naturalment, ivvjaġġa ħafna. Infatti, ommu mietet f'Lulju tal-1867 imma hu ma sarx jaf b'dan qabel għaddew ix-xhur u rċieva ittra mingħand oħtu meta kien l-Indja. Fl-1873, iżżewweġ mara Daniża u mar joqgħod Kopenhagen. Imbagħad, għall-ħabta tal-1887, mar għal xi żmien il-Panama u anki f'*Martinique*, fil-Karibew. Fl-1890, Gauguin iddeċieda li *Tahiti*, fil-Polineżja Franċiża, kellha tkun id-destinazzjoni artistika tiegħu li kien imiss. Tista' tgħid li l-aħħar sittax-il sena ta' ħajtu għamilhom f'dawn il-pajjiżi eżotiċi għalkemm anki kien iżur Pariġi minn żmien għal żmien; meta kien ikollu l-flus. Infatti, fl-1895, ħabib tiegħu sablu, u ħallaslu, passaġġ irħis għal *Tahiti* u, minn hemmhekk, Gauguin ma ġiex lura iktar lejn l-Ewropa. L-aġenti tiegħu kienu jibagħtulu t-tila, il-pniezel u ż-żebgħa u hu kien iħallashom lura billi jibagħtilhom għadd ta' kwadri kull sena għall-bejgħ fil-ħwienet ta' Pariġi.




Intant, wara li kien għamel sentejn fin-*Navy* Franċiża, Gauguin irritorna Pariġi u, fl-1871, beda jaħdem bħala *stockbroker* mal-Borsa; karriera li fiha dam ħdax-il sena u anki għamel suċċess. Infatti, fl-1879, kien qed jaqla' tletin elf frank fis-sena (xi mija u ħamsin elf dollaru Amerikan) bħala *stockbroker* u daqshom darb'oħra mill-bejgħ fis-suq tal-kwadri. Imma, fl-1882, l-i*stock market* ta' Pariġi kkraxxja, is-suq tal-arti ċkien, il-qliegħ tiegħu naqas drastikament u Paul Gauguin iddeċieda li issa kellu jiddedika l-bqija ta' ħajtu għat-tpinġija biss.



Ir-relazzjoni tiegħu ma' Vincent van Gogh u ma' ħuh, Theo, bdiet meta dawn raw, u ammiraw, il-kwadri li Gauguin ipproduċa f'*Martinique*. Theo, li kien bejjiegħ tal-pitturi, xtara tliet kwadri ta' Gauguin u esebihom għall-bejgħ fil-ħanut tiegħu fejn setgħu jarawhom klijenti għonja. Dan wassal għal ħbiberija bejn iż-żewġ artisti fejn, tista' tgħid, li Vincent van Gogh kien jadurah lil Paul Gauguin. Kienu jikkorrespondu ħafna bejniethom u dan serva wkoll biex Gauguin ifformula l-filosofija tal-arti tiegħu.

Anki l-ħajja amoruża ta' Gauguin kienet waħda mqanqla mhux ħażin. Barra milli kellu ħamest itfal mill-ewwel mara tiegħu li kien iżżewweġ fl-1873, fl-1892, ġewwa *Tahiti*, Gauguin reġa' żżewweġ, din id-darba, tfajla ta' tlettax-il sena u, minnha, anki kellu tarbija. Fl-1898, imbagħad, Gauguin kellu relazzjoni ma' tfajla ta' erbgħatax-il sena u nofs u minnha kellu żewġt itfal. U, billi qatt mhu biżżejjed, iktar tard, fil-gżejjer *Marquesas* fl-1901, sentejn biss qabel miet, reġa' kellu relazzjoni oħra ma' tfajla ta' erbgħatax-il sena wkoll u reġa' kellu tarbija oħra.



Saħħtu kienet ilha sejra lura u, fl-aħħar snin, kien qed ibati minn ħafna kumplikazzjonijiet imma miet f'daqqa waħda fl-għodwa tat-8 ta' Mejju 1903 meta lanqas biss kien għadu għalaq il-ħamsa u ħamsin sena. Miet mewta ftit misterjuża u kien hemm anki suspett ta' overdose ta' *laudanum*, li huwa kien jieħu minflok il-morfina biex itaffi l-uġigħat.

Paul Gauguin jinsab midfun f'ċimiterju ta' *Atuona*, fil-Polineżja Franċiża.

# Laqgħa tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani f'Għawdex



Bħas snin ta' qabel, il-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani organizzaw waħda mill-laqgħat tagħhom fil-gżira t'Għawdex. Permezz t'hekk, il-Kunsill jieħu l-opportunità biex, fl-istess ħin, jagħmel ukoll sensiela ta' laqgħat oħra, fosthom mal-Ministru għal Għawdex, mall-Eċċellenza Tiegħu, l-Isqof t'Għawdex u mal-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. Din is-sena, dan l-avveniment sar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru 2024.

L-ewwel laqgħa kienet mal-Isqof t'Għawdex, il-Mons. Anton Teuma, li saret fil-Kurja u kienet immexxija mill-President tal-Kunsill, is-Sur Peter Paul Bonnici, Din il-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna u, għaliha, kien hemm ukoll tliet rappreżentanti tal-Għaqda U3E minn Għawdex li kienu mistednin mill-istess Isqof t'Għawdex.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani huwa grupp umbrella ta' organizzazzjonijiet magħmul minn tnejn u għoxrin għaqda affiljati miegħu. Tajjeb li ngħidu li waħda minn dawn l-għaqdiet affiljata mal-Kunsill (li hija rappreżentata wkoll fil-KNA) hija l-U3E. Din kienet opportunità unika għall-U3E biex setgħet taqsam magħna diversi attivitajiet ta' diskussjoni u aktar u li, normalment, isiru f'Malta. Fost dawn is-suġġetti diskussi, kien hemm is-solidarjetà mal-anzjani, il-ħtieġa ta' komunikazzjoni attiva, it-trazmissjoni tal-anzjani mall-familjari tagħhom u l-importanza li l-anzjani jkunu involuti aktar attivament fil-komunità.

Il-laqgħa ta' Kortesija mal-Ministru għal Għawdex, L-Onor. Clint Camilleri, ma' setgħetx isseħħ minħabba impenji oħrajn tal-Ministru u, għaldaqstant, din il-laqgħa tħalliet għal jum ieħor fil-ġejjieni qarib.



Ħajr lill-Ministru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Dr. Jo-Etienne Abela, li għoġbu jilqa' t-talba tal-KNA biex jagħmel għad-dispożizzjoni tal-Kunsill l-użu tas-sala fl-Uffiċċju tiegħu ġewwa Għawdex. Imma, minħabba impenji oħrajn, il-Ministru ma setax ikun magħna. Minflok, is-Segretarju privat tiegħu, is-Sinjura Mariella Abela, laqgħetna hi u, magħha, iddiskutejna diversi temi ta' importanza għall-anzjani, fosthom, is-saħħa fost l-anzjani u l-promozzjoni tal-anzjanità attiva.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jirringrazzjaw b'mod speċjali lill-membri l-oħrajn tal-istaff tal-Ministeru t'Għawdex li sibnihom ta' għajnuna kbira biex din il-laqgħa setgħet isseħħ.

## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

## KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

***SER TINŻAMM IL-ĠIMGĦA 14 TA' MARZU 2025***
***FIS-SALA TAL-KUNSILL LOKALI TAL-FLORIANA***
***FID-9:00 TA' FILGĦODU***

**L-ANZJANI HUMA MISTIEDNA JATTENDU**